# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2010/76/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-24 ta' Novembru 2010**

**li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-ritittolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) It-teħid eċċessiv u imprudenti ta' riskji fis-settur bankarju wassal għall-falliment ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali u għal problemi sistemiċi fl-Istati Membri u globalment. Filwaqt li l-kawżi ta' dan it-teħid tar-riskji huma ħafna u kumplessi, hemm qbil mis-superviżuri u korpi regolatorji, fosthom il-G20 u l-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej (KSBE), li l-istrutturi inadegwati tar-rimunerazzjoni ta' xi istituzzjonijiet finanzjarji kienu fattur kontributorju. Il-linji politiċi dwar ir-rimunerazzjoni li jagħtu inċentivi sabiex jittieħdu riskji li jaqbżu l-livell ġenerali tar-riskju ttollerat mill-istituzzjoni jistgħu jimminaw l-immaniġġar tajjeb u effikaċi tar-riskji u jiggravaw l-imġiba tat-teħid eċċessiv tar-riskji. Il-prinċipji internazzjonalment maqbula u approvati, il-Prinċipji ta' Prattiċi Tajba ta' Kumpens (il-prinċipji FSB) tal-Bord għall-Istabbiltá Finanzjarja (FSB), għaldaqstant huma ta' importanza partikolari.

(2) Id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-bidu u s-segwitu tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ([4]) tirrikjedi li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkollhom arranġamenti, strateġiji, proċessi u mekkaniżmi sabiex jimmaniġġaw ir-riskji li jkunu esposti għalihom. Bis-saħħa tad-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-adegwatezza kapitali tal-impriżi ta' investiment u l-istituzzjonijiet ta' kreditu ([5]), dak ir-rekwiżit japplika għal impriżi ta' investiment skont id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji ([6]) Id-Direttiva 2006/48/KE tobbliga lill-awtoritajiet kompetenti li jirrivedu dawk l-arranġamenti, strateġiji, proċessi u mekkaniżmi, u li jistabbilixxu jekk il-fondi proprji li jkollha l-istituzzjoni ta' kreditu jew l-impriża ta' investiment konċernata jiżgurawx immaniġġar u kopertura tajba tar-riskji li l-istituzzjoni jew l-impriża hija jew tista' tkun esposta għalihom. Dik is-superviżjoni titwettaq fuq bażi konsolidata fir-rigward ta' gruppi bankarji, u tinkludi kumpaniji ta' parteċipazzjoni finanzjarja u istituzzjonijiet finanzjarji affiljati fil-ġuriżdizzjonijiet kollha.

(3) Sabiex jiġi indirizzat l-effett detrimentali potenzjali ta' strutturi ta' rimunerazzjoni mfassla ħażin fuq l-immaniġġar tajjeb tar-riskji u l-kontroll tal-imġiba tat-teħid tar-riskju mill-individwi, ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jiġu ssupplimentati minn obbligu ċar għall-istituzzjonijiet tal-kreditu u l-impriżi ta' investiment sabiex jistabbilixxu u jżommu, għal dawk il-kategoriji ta' ħaddiema li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom, il-politika u prattiċi tar-rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' mmaniġġar effikaċi tar-riskji. Dawk il-kategoriji tal-persunal għandhom jinkludu tal-anqas lill-maniġment ta' livell għoli, lil dawk li jieħdu r-riskji u persunal fil-karigi ta' kontroll, u kwalunkwe impjegat li r-rimunerazzjoni totali tiegħu, inklużi l-provvedimenti diskrezzjonarji għall-pensjoni, teħodhom fl-istess kategorija ta' rimunerazzjoni bħall-maniġment ta' livell għoli u ta' dawk li jieħdu r-riskji.

(4) Minħabba li teħid tar-riskji eċċessiv u imprudenti jista' jimmina s-saħħa finanzjarja tal-istituzzjonijiet ta' kreditu jew impriża ta' investiment u jiddestabbilizza s-sistema bankarja, huwa importanti li l-obbligu l-ġdid rigward il-politika u l-prattiċi tar-rimunerazzjoni għandu jiġi implimentat b'mod konsistenti u għandu jkopri l-aspetti kollha

([1]) ĠU C 291, 1.12.2005, p. 1.
([2]) Opinjoni tal-20 ta' Jannar 2010 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2010.
([4]) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.
([5]) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 201.
([6]) ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.

tar-rimunerazzjoni inklużi s-salarji, il-benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni u benefiċċji simili. F'dak il-kuntest, benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni għandhom ifissru pagamenti diskrezzjonarji mogħtija lil impjegat minn istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment fuq bażi individwali pagabbli b'referenza għal jew fl-istennija ta' rtirar u li jista' jkun assimilat għar-rimunerazzjoni varjabbli. Għalhekk huwa xieraq li jiġu speċifikati prinċipji ċari dwar rimunerazzjoni għaqlija sabiex jiġi żgurat li l-istruttura tar-rimunerazzjoni ma tinkoraġġix teħid eċċessiv ta' riskji mill-individwi jew periklu morali u tkun allinjata mal-aptit ta' riskju, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment. Ir-rimunerazzjoni għandha tkun allinjata mar-rwol tas-settur finanzjarju bħala l-mekkaniżmu li permezz tiegħu ir-riżorsi finanzjarji jiġu allokati fl-ekonomija b'mod effiċjenti. B'mod partikolari, dawn il-prinċipji għandhom jipprevedu li t- tfassil tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni varjabbli jiżgura li l-inċentivi huma allinjati mal-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment u li l-metodi ta' pagament isaħħu l-bażi kapitali tagħha. Komponenti tar-rimunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni għandhom jgħinu biex iqawwu l-karattru ekwu tal-istrutturi ta' rimunerazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment. Il-prinċipji għandhom jirrikonoxxu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet b'modi differenti skont id-daqs tagħhom, l-organizzazzjoni interna u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom, u b'mod partikolari, li jista' ma jkunx proporzjonat li l-impriżi ta' investiment imsemmija fl-Artikoli 20(2) u (3) tad-Direttiva 2006/49/KE jikkonformaw mal-prinċipji kollha. Sabiex jiġi żgurat li t-tfassil tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni jkun integrat fl-immaniġġar tar-riskji tal-istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment, il-korp maniġerjali, fir-rwol superviżorju tiegħu, ta' kull istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment għandu jadotta u perjodikament jirrivedi l-prinċipji ġenerali li għandhom jiġu applikati. F'dan il-kuntest, għandu jkun possibbli, fejn ikun applikabbli u skont il-liġi nazzjonali dwar il-kumpaniji, li l-korp maniġerjali fir-rwol superviżorju tiegħu jinftiehem bħala l-bord superviżorju.

(5) L-istituzzjonijiet ta' kreditu u impriżi ta' investiment li huma sinifikanti fid-daqs tagħhom, l-organizzazzjoni interna u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom għandhom ikunu obbligati jistabbilixxu kumitat ta' rimunerazzjoni bħala parti integrali mill-istruttura u l-organizzazzjoni ta' governanza tagħhom.

(6) Sa l-1 ta' April 2013, il-Kummissjoni għandha tirrivedi l-prinċipji dwar il-politika ta' rimunerazzjoni b'attenzjoni partikolari għall-effikaċja, implimentazzjoni u infurzar tagħhom, b' kont meħud tal-iżviluppi internazzjonali inklużi kwalunkwe proposta ulterjuri mill-FSB u l-implimentazzjoni tal-prinċipji FSB f'ġurisdizzjonijiet oħra inkluża r-rabta bejn it-tfassil tar-rimunerazzjonijiet varjabbli u l-aġir ta' teħid eċċessiv tar-riskji.

(7) Il-politika dwar ir-rimunerazzjoni għandha tfittex li tallinja l-għanijiet personali tal-membri tal-persunal mal-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu jew tal-impriża ta' investiment konċernata. Il-valutazzjoni tal-komponenti tar-rimunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni għandha tkun ibbażata fuq prestazzjoni aktar fit-tul u tqis ir-riskji pendenti assoċjati mal-prestazzjoni. Il-valutazzjoni tal-prestazzjoni għandha tiġi stabbilita f'qafas multiannwali, ta' mhux anqas minn tlieta sa ħames snin, sabiex jiġi żgurat li l-proċess ta' valutazzjoni jkun ibbażat fuq prestazzjoni aktar fit-tul u li l-ħlas attwali tal-komponenti tar-rimunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni jkun mifrux fuq iċ-ċiklu kummerċjali tal-istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment. Sabiex l-inċentivi jkomplu jiġu allinjati, parti sostanzjali mir-rimunerazzjoni varjabbli tal-membri kollha tal-persunal koperi b'dawk ir-rekwiżiti għandha tikkonsisti f'ishma, strumenti marbuta mal-ishma tal-istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment, suġġett għall-istruttura legali tal-istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment ikkonċernata jew, fil-każ ta' istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment mhux elenkata, strumenti oħra ekwivalenti mhux kontanti tal-istituzzjoni ta' kreditu u, fejn ikun il-każ, strumenti finanzjarji oħra b'data fit-tul li adegwatament jirriflettu l-kwalità ta' kreditu tal-istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment. Għandu jkun possibbli li talistrumenti jinkludu strument kapitali li meta l-istituzzjoni tkun suġġetta għal problemi finanzjarji gravi tal-istituzzjonijiet jiġi kkonvertit f'ekwità jew inkella jitnaqqas mod ieħor. F'każijiet fejn l-istituzzjoni ta' kreditu konċernata ma toħroġx strumenti finanzjarji b'data fit-tul, għandha tkun permessa toħroġ il-porzjon sostanzjali tar-rimunerazzjoni varjabbli f'ishma u fi strumenti marbuta mal-ishma u strumenti ekwivalenti oħra mhux kontanti. l-Istati membri jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom għandhom ikunu jistgħu jimponu restrizzjonijiet fuq it-tipi u t-tfassil ta' dawn l-istrumenti jew jipprojbixxu ċerti strumenti skont kif xieraq.

(8) Sabiex jiġu mminimizzati l-inċentivi għal teħid eċċessiv ta' riskji r-rimunerazzjoni varjabbi għandha tikkostitwixxi proporzjoni bbilanċjata tar-rimunerazzjoni totali. Hu essenzjali li s-salarju ta' impjegat jirrappreżenta proporzjon għoli biżżejjed tar-rimunerazzjoni totali tiegħu sabiex jippermetti t-tħaddim ta' politika kompletament flessibbli dwar ir-rimunerazzjoni, fosthom il-possibbiltà li ma titħallas l-ebda rimunerazzjoni varjabbli. Sabiex tiġi żgurata prattika ta' rimunerazzjoni koerenti fis-settur kollu, huwa xieraq li jiġu speċifikati ċerti rekwiżiti ċari. Rimunerazzjonijiet varjabbli garantiti mhumiex konsistenti mal-immaniġġar tajjeb tar-riskji jew il-prinċipju ta' ħlas għal prestazzjoni u, bħala regola ġenerali, għandhom ikunu pprojbiti.

(9) Porzjon sostanzjali tal-komponent ta' rimunerazzjoni varjabbli, bħal 40 sa 60 %, għandu jiġi differit fuq perjodu adatt ta' żmien. Dak il-porzjon għandu jiżdied b'mod sinifikanti flimkien mal-livell ta' superjorità ġerarkika u/jew responsabbiltà tal-persuna rimunerata. Barra minn hekk, porzjon sostanzjali tal-komponent

tar-rimunerazzjoni varjabbli għandu jkun f'ishma jew fi strumenti marbuta ma' ishma tal-istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment, suġġett għall-istruttura legali tal-istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment ikkonċernata jew, fil-każ ta' istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment mhux kwotata, fi strumenti oħra ekwivalenti mhux kontanti tal-istituzzjoni ta' kreditu u, fejn ikun f'loku, strumenti finanzjarji oħra b'data fit-tul li adegwatament jirriflettu l-kwalità ta' kreditu ta' din l-istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment. F'dan il-kuntest, il-prinċipju ta' proporzjonalità huwa ta' importanza kbira peress li jista' ma jkunx dejjem adatt li dawn ir-rekwiżiti jiġu applikati fil-kuntest ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u impriżi ta' investiment żgħar. b' kont meħud tar-restrizzjonijiet li jillimitaw l-ammont ta' rimunerazzjoni varjabbli pagabbli fi flus kontanti u pagabbli inizjalment, l-ammont ta' rimunerazzjoni varjabbli li jista' jitħallas fi flus kontanti jew fl-ekwivalenti tal-kontanti mhux suġġett għad-differiment għandu jkun limitat biex l-objettivi personali tal-persunal jkunu allinjati ulterjorment mal-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment.

(10) L-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għandhom jiżguraw li r-rimunerazzjoni totali varjabbli ma tillimitax il-kapaċità tagħhom biex isaħħu l-bażi tal-kapital tagħhom. Il-punt safejn il-kapital jeħtieġ li jinbena għandu jkun funzjoni tal-pożizzjoni attwali tal-kapital tal-istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment. F'dak il-kuntest, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom ikollhom is-setgħa li jillimitaw ir-rimunerazzjoni varjabbli, inter alia, bħala perċentwali tad-dħul totali nett meta dan ikun konsistenti maż-żamma ta' bażi soda tal-kapital.

(11) L-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għandhom jirrikjedu li l-persunal tagħhom jaċċetta li ma jużax strateġiji ta' kopertura personali jew assigurazzjonijiet li jdgħajfu l-effetti tal-allinjament tar-riskju integrat fl-arranġamenti ta' rimunerazzjoni tiegħu.

(12) Fir-rigward ta' entitajiet li qed jibbenefikaw minn intervent eċċezzjonali tal-gvern, għandha tingħata prijorità lil bini ta' bażi kapitali tagħhom u jipprovdu għall-irkupru tal-assistenza ta' min iħallas it-taxxi. Kwalunkwe pagament ta' rimunerazzjoni għandu jirrifletti dawn il-prijoritajiet.

(13) Il-prinċipji rigward il-linji politiċi ta' rimunerazzjoni għaqlija stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2009 dwar il-politika ta' rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji ([1]) huma konsistenti mal-prinċipji speċifikati f'din id-Direttiva u jikkumplementawha.

(14) Id-dispożizzjonijiet dwar ir-rimunerazzjoni għandhom ikunu mingħajr ħsara għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali garantiti bit-Trattati, b'mod partikolari għad-dipożizzjonijiet tal-Artikolu 153(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-prinċipji ġenerali tal-liġi nazzjonali dwar il-kuntratti u l-impjieg, il-leġislazzjoni rigward id-drittijiet u l-involviment tal-azzjonisti u r-responsabbiltajiet ġenerali tal-korpi amministrattivi u superviżorji tal-istituzzjoni kkonċernata, kif ukoll id-drittijiet, fejn applikabbli, tas-sħab soċjali li jikkonkludu u jinfurzaw ftehim kollettiv, f'konformità mal-liġijiet u t-tradizzjonijiet nazzjonali.

(15) Sabiex jiġi żgurat infurzar rapidu u effikaċi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikollhom ukoll is-setgħa li jimponu jew japplikaw penali jew miżuri finanzjarji jew mhux finanzjarji għall-ksur ta' rekwiżit skont id-Direttiva 2006/48/KE, fosthom ir-rekwiżit li jkun hemm linji politiċi dwar ir-rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' mmaniġġar tajjeb u effikaċi tar-riskji. Dawn il-miżuri u penali għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi. Sabiex tiżgura l-konsistenza u kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd, il-Kummissjoni għandha tirrivedi l-adozzjoni u l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' dawk il-miżuri u penalifuq bażi aggregata fir-rigward tal-konsistenza tagħhom fi ħdan l-Unjoni.

(16) Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ superviżorju effikaċi tar-riskji maħluqa minn strutturi ta' rimunerazzjoni inadegwati, il-politika u l-prattiċi tar-rimunerazzjoni adottati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għandhom ikunu inklużi fl-ambitu tar-reviżjoni superviżorja skont id-Direttiva 2006/48/KE. Matul dik ir-reviżjoni, is-superviżuri għandhom jivvalutaw jekk ikunx probabbli li dawk il-linji politiċi u l-prattiċi jinkoraġġixxu teħid eċċessiv ta' riskju mill-persunal inkwistjoni. Barra minn hekk, is-CEBS għandu jiżgura li jkun hemm linji gwida għall-valutazzjoni tal-idonjetà tal-persuni li effettivament imexxu n-negozju ta' istituzzjoni ta' kreditu.

(17) Il-Green Paper tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ġunju 2010 dwar it-tmexxija korporattiva fl-istituzzjonijiet finanzjarji u l-politika ta' rimunerazzjoni tidentifika sensiela ta' fallimenti fil-governanza korporattiva ta' istituzzjonijiet tal-kreditu u ta' azjendi tal-investiment li għandhom jiġu indirizzati. Fost is-soluzzjonijiet identifikati, il-Kummissjoni tirriferi għall-ħtieġa li jissaħħu b'mod sinifikanti r-rekwiżiti relatati mal-persuni li effettivament imexxu n-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu li għandhom ikollhom fama tajba biżżejjed u jkollhom esperjenza adegwata u wkoll jiġu vvalutati rigward l-idonjeta tagħhom biex iwettqu l-attivitajiet professjonali tagħhom. Il-Green Paper tenfasizza wkoll il-ħtieġa li jittejjeb l-involviment tal-azzjonisti fl-approvazzjoi tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jieħdu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li, bħala segwitu, tressaq proposti leġiżlattivi, fejn ikun f'loku, dwar dawk il-kwistjonijiet.

(18) Bil-għan li jtejbu aktar it-trasparenza rigward il-politika ta' rimunerazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tal-impriżi ta' investiment, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiġbru informazzjoni dwar ir-rimunerazzjoni biex jimmudellaw ix-xejriet tar-rimunerazzjoni f'konformità mal-kategoriji ta' informazzjoni kwantitattiva tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u impriżi ta' investiment huma obbligati jiżvelaw skont din id-Direttiva. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lis-CEBS b' dik l-informazzjoni sabiex tkun tista' twettaq valutazzjonijiet simili fil-livell tal-Unjoni.

([1]) ĠU L 120, 15.5.2009, p. 22.

(19) Sabiex jippromwovi konverġenzi superviżorji fil-valutazzjoni tal-politika u l-prattiċi tar-rimunerazzjoni, jiffaċilita l-ġbir ta' informazzjoni u l-implimentazzjoni konsistenti tal-prinċipji tar-rimunerazzjoni fis-settur bankarju, is-CEBS għandu jelabora linji gwida dwar il-politika għaqlija tar-rimunerazzjoni fis-settur bankarju. Il-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli għandu jassisti fl-iżvilupp ta' dawn il-linji gwida safejn dawn japplikaw ukoll għall-politika dwar ir-rimunerazzjoni għal persuni involuti fl-għoti ta' servizzi ta' investiment u t-twettiq ta' attivitajiet ta' investiment minn istituzzjonijiet ta' kreditu u minn impriżi ta' investiment skont id-Direttiva 2004/39/KE. Is-CEBS għandu jwettaq konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa fir-rigward tal-istandards tekniċi u janalizza il-kosts u l-benefiċċji potenzjalment relatati. Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tagħmel proposti leġislattivi li jafdaw f'idejn l-awtorità superviżorja Ewropea għall-affarijiet bankarji u, safejn ikun f'loku, lill-Awtorità superviżorja Ewropea għall-affarijiet tas-swieq u tat-titoli, kif stabbiliti skont il-proċess de Larosière dwar is-superviżjoni finanzjarja it-tfassil ta' abbozz ta' standards tekniċi regolatorji u implimentattivi biex tiffaċilita l-ġbir tal-informazzjoni u l-implimentazzjoni konsistenti tal-prinċipji tar-rimunerazzjoni fis-settur bankarju u li għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni.

(20) Minħabba li politika dwar rimunerazzjoni u skemi ta' inċentivi mfassla ħażin jistgħu jżidu r-riskji li jkunu esposti għalihom l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għal livell inaċċettabbli, għandha tittieħed azzjoni ta' rimedju fil-pront u, jekk ikun hemm bżonn, għandhom jittieħdu l-miżuri korrettivi xierqa. Konsegwentement, huwa xieraq li jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat li jimponu miżuri kwalitattivi jew kwantitattivi fuq l-entitajiet rilevanti li jkunu mfassla sabiex jindirizzaw problemi li jkunu ġew identifikati b'rabta mal-politika dwar ir-rimunerazzjoni fir-reviżjoni superviżorja tal-Pilastru 2. Il-miżuri kwalitattivi disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti jinkludu li jitolbu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u lill-impriżi ta' investiment sabiex inaqqsu r-riskju inerenti fl-attivitajiet, il-prodotti jew is-sistemi tagħhom, anke billi jintroduċu bidliet fl-istrutturi ta' rimunerazzjoni tagħhom jew li jiffriżaw il-partijiet varjabbli tar-rimunerazzjoni sal-punt li jkunu inkonsistenti ma' mmaniġġar effikaċi tar-riskji. Il-miżuri kwantitattivi jinkludu rekwiżit li jkollhom fondi proprji addizzjonali.

(21) L-istrutturi ta' governanza tajba, it-trasparenza u l-iżvelar huma essenzjali għal linji politiċi għaqlija ta' rimunerazzjoni. Sabiex jiżguraw trasparenza adegwata lis-suq rigward l-istrutturi tagħhom ta' rimunerazzjoni u r-riskju assoċjat, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għandhom jiżvelaw informazzjoni dettaljata dwar il-politika u l-prattiċi tagħhom ta' rimunerazzjoni u, minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità, l-ammonti aggregati għal dawk il-membri tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu jew impriża ta' investiment. Dik l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-partijiet interessati kollha (l-azzjonisti, l-impjegati u l-pubbliku ġenerali). Madankollu, dan l-obbligu għandu jkun mingħajr ħsara għad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [1].

(22) Biex tkun garantita l-effikaċja sħiħa u biex ma jkun hemm l-ebda effett diskriminatorju fl-applikazzjoni tagħhom, id-dispożizzjonijiet dwar ir-rimunerazzjoni stipulati f'din id-Direttiva għandhom ikunu applikati għar-rimunerazzjoni dovuta abbażi ta' kuntratti konklużi qabel id-data tal-implimentazzjoni effettiva tagħhom f'kull Stat Membru u assenjati jew imħallsa wara dik id-data. Barra minn hekk, biex ikunu salvagwardjati l-għanijiet li din id-Direttiva tfittex tilħaq, speċjalment l-immaniġġar effikaċi tar-riskji, fir-rigward ta' perjodi li għadhom ikkaratterizzati minn grad għoli ta' instabbiltà finanzjarja, u biex jiġi evitat kull riskju ta' tidwir mad-dispożizzjonijiet dwar ir-rimunerazzjoni stipulati f'din id-Direttiva matul il-perjodu ta' qabel l-implimentazzjoni tagħhom, jeħtieġ li dawn id-dispożizzjonijiet ikunu applikati għar-rimunerazzjoni assenjata, imma mhux imħallsa, qabel id-data tal-implimentazzjoni effettiva tagħhom f'kull Stat Membru, għas-servizzi pprovduti fl-2010.

(23) Ir-reviżjoni tar-riskji li għalihom tista' tkun esposta l-istituzzjoni ta' kreditu għandha twassal għal miżuri superviżorji effikaċi. Għaldaqstant huwa neċessarju li tintlaħaq aktar konverġenza sabiex issostni deċiżjonijiet konġunti mis-superviżuri u tiżgura kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni fl-Unjoni.

(24) L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jinvestu f'ritotolizzazzjonijiet huma meħtieġa skont id-Direttiva 2006/48/KE li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta anki fir-rigward tat-titolizzazzjonijiet sottostanti u l-espożizzjonijiet mhux ta' titolizzazzjoni li finalment huma bbażati fuqhom tal-ewwel. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jivvalutaw jekk l-espożizzjonijiet fil-kuntest ta' programmi ta' karti kummerċjali appoġġati mill-assi jikkostitwixxux espożizzjonijiet ta' ritotolizzazzjonijiet, inklużi dawk fil-kuntest ta' programmi li jakkwistaw segmenti superjuri ta' gruppi separati ta' self sħiħ fejn l-ebda wieħed minn dan is-self ma jkun espożizzjoni ta' titolizzazzjoni jew ritotolizzazzjoni, u fejn il-protezzjoni għall-ewwel telf għal kull investiment ikun ipprovdut mill-bejjiegħ tas-self. Fis-sitwazzjoni tal-aħħar, faċilità tal-likwidità speċifika għal grupp ġeneralment m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala espożizzjoni ta' ritotolizzazzjoni peress li din tirrappreżenta segment minn grupp ta' ass wieħed (jiġifieri, il-grupp applikabbli ta' self sħiħ) li ma jkun fiha l-ebda espożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni. B'kuntrast, titjib tal-kreditu mifrux mal-programm kollu li jkopri biss parti mit-telf lil hinn mill-protezzjoni pprovduta mill-bejjiegħ fid-diversi gruppi ġeneralment ikun jikkostitwixxi t-tqassim f'segmenti tar-riskju ta' grupp ta' assi multipli li jkun fiha tal-anqas espożizzjoni ta' titolizzazzjoni waħda, u għalhekk tkun espożizzjoni ta' ritotolizzazzjoni. Madankollu, jekk tali programm jiffinanzja lilu nnifsu kompletament bi klassi waħda ta' karta kummerċjali, u jekk it-titjib tal-kreditu mifrux mal-programm kollu ma jkunx ritotolizzazzjoni jew il-karta kummerċjali tkun appoġġata

[1] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

għal kollox mill-istituzzjoni ta' kreditu li tkun qed tisponsorjah, u b'hekk l-investitur fil-karta kummerċjali jibqa' effettivament espost għar-riskju ta' inadempjenza tal-isponsor minflok tal-gruppi jew l-assi sottostanti, għal-hekk dik il-karta kummerċjali ġeneralment m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala espożizzjoni ta' ritititolizzazzjoni.

(25) Id-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni prudenti fid-Direttiva 2006/49/KE għandhom japplikaw għall-istrumenti kollha mkejla fil-valur ġust, kemm jekk fil-ktieb tal-kummerċ kif ukoll jekk fil-ktieb mhux tal-kummerċ tal-istituzzjonijiet. Għandu jiġi kkjarifikat li, fejn l-applikazzjoni tal-valutazzjoni prudenti twassal għal valur miżmum fil-kotba aktar baxx milli fil-fatt rikonoxxut fil-kontijiet, il-valur assolut tad-differenza għandu jitnaqqas mill-fondi proprji.

(26) L-istituzzjonijiet għandhom ikollhom għażla jekk japplikawx rekwiżit kapitali għal jew inaqqsu mill-fondi proprji dawk il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jirċievu piż ta' riskju ta' 1 250 % skont din id-Direttiva, irrispettivament minn jekk il-pożizzjonijiet ikunux fil-ktieb tal-kummerċ jew mhux tal-kummerċ.

(27) Ir-rekwiżiti kapitali għar-riskji tas-saldu għandhom japplikaw ukoll għall-ktieb mhux tal-kummerċ.

(28) L-istituzzjonijiet oriġinaturi jew sponsor ma għandhomx ikunu kapaċi jduru mal-projbizzjoni ta' appoġġ impliċitu billi jużaw il-kotba tal-kummerċ tagħhom sabiex jipprovdu tali appoġġ.

(29) Mingħajr ħsara għall-iżvelar mitlub b'mod espliċitu minn din id-Direttiva, l-għan tar-rekwiżiti ta' żvelar għandu jkun li jipprovdi lill-parteċipanti tas-suq b'informazzjoni preċiża u komprensiva dwar il-profil tar-riskju ta' istituzzjonijiet individwali. Għaldaqstant l-istituzzjonijiet għandhom ikunu meħtieġa li jiżvelaw informazzjoni addizzjonali mhux imsemmija espliċitament f'din id-Direttiva jekk tali żvelar ikun meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan.

(30) Sabiex tkun żgurata implimentazzjoni koerenti tad-Direttiva 2006/48/KE madwar l-Unjoni, fl-2006 il-Kummissjoni u s-CEBS waqqfu grupp ta' ħidma (Grupp għat-Traspożizzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali - CRDTG), li ġie afdat il-kompitu li jiddiskuti u jsolvi kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva. Skont is-CRDTG, ċerti dispożizzjonijiet tekniċi tad-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE jeħtieġ li jiġu speċifikati aktar. Għaldaqstant huwa xieraq li jiġu speċifikati dawk id-dispożizzjonijiet.

(31) Meta valutazzjoni esterna tal-kreditu għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tinkorpora l-effett ta' protezzjoni tal-kreditu pprovduta mill-istituzzjoni nnifisha li tinvesti, l-istituzzjoni ma għandhiex tkun tista' tibbenefika mill-piż inqas tar-riskju li jirriżulta minn dik il-protezzjoni. Dan ma għandux iwassal għat-tnaqqis tat-titolizzazzjoni mill-kapital jekk ikun hemm modi oħra kif jiġi stabbilit piż ta' riskju konformi mar-riskju attwali tal-pożizzjoni, mingħajr ma tiġi kkunsidrata protezzjoni tal-kreditu bħal din.

(32) Fil-qasam tat-titolizzazzjoni, ir-rekwiżiti ta' żvelar tal-istituzzjonijiet għandhom jissaħħu b'mod konsiderevoli. Partikolarment huma għandhom jikkunsidraw ukoll ir-riskji tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-ktieb tal-kummerċ. Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata trasparenza adegwata rigward in-natura tal-attivitajiet ta' titolizzazzjoni ta' istituzzjoni, l-iżvelar għandu jirrifletti l-punt safejn l-istituzzjoni tisponsorja l-entitatiet ta' sikurizzazzjoni b'skop speċjali u l-involviment ta' ċerti entitajiet affiljati, peress li partijiet relatati mill-qrib jistgħu jkunu ta' riskju kontinwu għall-istituzzjoni kkonċernata.

(33) L-allokazzjonijiet għal riskju speċifiku għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni għandhom jiġu allinjati mar-rekwiżiti kapitali fil-ktieb tal-bank billi dawn tal-aħħar jipprovdu għal trattament aktar differenzjat u sensittiv għar-riskju tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni.

(34) Fid-dawl tal-prestazzjoni dgħajfa riċenti tagħhom, l-istandards għall-mudelli interni biex jiġu kkalkulati r-rekwiżiti kapitali tar-riskju tas-suq għandhom jissaħħu. Partikolarment, il-kopertura tagħhom tar-riskji għandha tiġi kkompletata fir-rigward tar-riskji tal-krediti fil-ktieb tal-kummerċ. Barra minn hekk, l-allokazzjonijiet kapitali għandhom jinkludu komponent adegwat għall-kundizzjonijiet ta' tensjoni sabiex jissaħħu r-rekwiżiti kapitali minħabba l-kundizzjonijiet tas-suq li qegħdin jiddeterjoraw u sabiex jitnaqqas il-potenzjal għall-proċiklikalità. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu wkoll testijiet tal-kawżi possibbli ta' eżiti ta' kriżi speċifiċi ("reverse stress testing") sabiex jiġu eżaminati liema xenarji jistgħu jkunu ta' sfida għall-vijabilità tal-istituzzjonijiet sakemm ma jkunux jistgħu jipprovaw li jistgħu jgħaddu mingħajr test ta' dan it-tip. Minħabba d-diffikultajiet partikolari riċenti sabiex il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni jiġu ttrattati bl-użu ta' approċċi bbażati fuq mudelli interni, il-kapaċità tal-istituzzjonijiet li jimmudellaw ir-riskji tat-titolizzazzjoni fil-kotba tal-kummerċ għandha tkun limitata u allokazzjoni kapitali standard għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-ktieb tal-kummerċ għandha tkun meħtieġa b'mod awtomatiku.

(35) Din id-Direttiva tistipula eċċezzjonijiet limitati għal ċerti attivitajiet ta' kummerċ ta' korrelazzjoni, li f'konformità magħhom, istituzzjoni tista' tithalla mis-superviżur tagħha tikkalkola allokazzjoni kapitali komprensiva ta' riskju suġġetti għal rekwiżiti minimi stretti. F'każijiet bħal dawn l-istituzzjoni għandha tkun obbligata li tissuġġetta tali attivitajiet għal allokazzjoni kapitali daqs jew

akbar mill-allokazzjoni kapitali skont dan l-approċċ żviluppat internament u 8 % tal-allokazzjoni kapitali għal riskji speċifiċi skont il-metodu standardizzat ta' kejl. M'għandhiex tiġi obbligata jissuġġetta dawk l-espożizzjonijiet għall-allokazzjoni kapitali inkrimentali tar-riskju, iżda għandhom madankollu, jiġu inkorporati fil-miżuri tal-valur fir-riskju u fil-miżuri tal-valur fir-riskju taħt tensjoni.

(36) L-Artikolu 152 tad-Direttiva 2006/48/KE jesiġi li ċerti istituzzjonijiet ta' kreditu jipprovdu fondi proprji li jkunu tal-anqas ugwali għal ċerti ammonti minimi speċifikati għat-tliet perjodi ta' tnax-il xahar bejn il-31 ta' Diċembru 2006 u l-31 ta' Diċembru 2009. Fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali fis-settur bankarju u l-estensjoni tal-arranġamenti tranżizzjonali għal kapital minimu adottati mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, huwa f'loku li dan ir-rekwiżit jiġġedded għal perjodu limitat sal-31 ta' Diċembru 2011.

(37) Sabiex l-istituzzjonijiet ta' kreditu ma jiġux skoraġġuti milli jgħaddu għall-Approċċ Ibbażat fuq Klassifkazzjonijiet Interni (l-Approċċ IRB, *Internal Ratings-Based Approach*) jew Approċċi ta' Kejl Avvanzati (*Advanced Measurement Approaches*) għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali matul il-perijodu transitorju minħabba spejjeż ta' implimentazzjoni sproporzjonati u mhux raġonevoli, għandu jkun possibbli li l-istituzzjonijiet ta' kreditu li għaddew għall-approċ IRB jew Approċċi ta' Kejl Avvanzati mill-1 ta' Jannar 2010 'l hawn u li preċedentement ikkalkulaw ir-rekwiżiti kapitali tagħhom skont approċċi anqas sofistikati jitħallew, suġġett għall-approvazzjoni superviżorja, jużaw l-approċċi anqas sofistikati bħala l-bażi għall-kalkolu tal-minimu tranżitorju. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissorveljaw is-swieq tagħhom mill-qrib u jiżguraw kundizzjonijiet ugwali fis-swieq u s-segmenti tas-swieq kollha tagħhom u jevitaw distorsjonijiet fis-suq intern.

(38) Skont il-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([1]), l-Istati Membri huma mħeġġa biex ifasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Unjoni t-tabelli tagħhom stess li, safejn ikun possibbli, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u biex jagħmluhom pubbliċi.

(39) Id-dispożizzjonijiet f'din id-Direttiva jikkostitwixxu passi fil-proċess ta' riforma b'risposta għall-kriżi finanzjarja. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-G-20, il-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja u l-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, għandu mnejn ikun jeħtieġisiru riformi ulterjuri, inkluża l-ħtieġa li jinbnew marġnijiet ta' lqugħ kontraċikliċi, "il-provvista dinamika", ir-razzjonal sottostanti għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital fid-Direttiva 2006/48/KE u miżuri supplimentari għar-rekwiżiti bbażati fuq ir-riskju għall-istituzzjonijiet ta' kreditu biex jgħinu jrażżnu l-kumulazzjoni tal-leverage fis-sistema bankarja. Biex tkun żgurata s-superviżjoni demokratika xierqa tal-proċess, jeħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu nvoluti b'mod f'waqtu u effikaċi.

(40) Il-Kummissjoni għandha tirrivedi l-applikazzjoni tad-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE biex tiżgura li d-dispożizzjonijiet tagħhom jiġu applikati b'mod ekwu li ma jwassalx għal diskriminazzjoni bejn istituzzjonijiet ta' kreditu abbażi tal-istruttura legali jew tal-mudell ta' sjieda tagħhom.

(41) Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward ta' aġġustamenti tekniċi tad-Direttiva 2006/48/KE għall-kjarifika ta' definizzjonijiet biex tkun assigurata l-applikazzjoni uniformi ta' dik id-Direttiva jew sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi fis-swieq finanzjarji; għall-allinjament tat-terminoloġija dwar u l-ifformular tad-definizzjonijiet f'konformità ma' atti rilevanti sussegwenti; għall-espansjoni tal-kontenut jew l-adattament tat-terminoloġija tal-lista ta' attivitajiet suġġetti għar-rikonoxximent reċiproku taħt id-Direttiva 2006/48/KE sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi fis-swieq finanzjarji; għall-aġġustament tal-oqsma li fihom l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu skambju tal-infomazzjoni; għall-aġġustament tad-dipożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/48/KE dwar fondi proprji sabiex ikunu riflessi l-iżviluppi fl-istandards tal-kontabilità jew fil-leġislazzjoni tal-Unjoni, jew fir-rigward tal-konverġenza tal-prattika superviżorja; għall-espansjoni tal-listi ta' klassijiet ta' espożizzjoni għall-finijiet tal-Approċċ Standardizzat jew tal-Approċċ IRB sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi fis-swieq finanzjarji; għall-aġġustament ta' ċerti ammonti rilevanti għal dawk il-klassijiet ta' espożizzjoni sabiex jittieħed kont tal-effetti tal-inflazzjoni; għall-aġġustament tal-lista u l-klassifikazzjoni ta' elementi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ; u għall-aġġustament ta' dispożizzjonijiet speċifiċi u kriterji tekniċi dwar it-trattament tar-riskju fir-rigward tal-kreditu tal-kontroparti, l-organizzazzjoni u t-trattament tar-riskju, l-Approċċ Standardizzat u l-Approċċ IRB, il-mitigazzjoni tar-riskji tal-krediti, it-titolizzazzjoni, ir-riskju operattiv, ir-reviżjoni u evalwazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti u l-iżvelar sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi fis-swieq finanzjarji jew fl-istandards tal-kontabilità jew fil-leġislazzjoni tal-Unjoni, jew fir-rigward tal-konverġenza fil-prattika superviżorja. Il-Kummissjoni għandha jkollha wkoll is-setgħa li tadotta atti ta' delega skont l- Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward ta' miżuri sabiex ikun speċifikat id-daqs ta' bidliet ħesrem u mhux mistennija fir-rati ta' imgħax rilevanti għall-finijiet tar-reviżjoni u evalwazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti taħt id-Direttiva 2006/48/KE tar-riskju fir-rata ta' imgħax emanenti minn attivitajiet mhux tal-kummerċ; għall-istipulazzjoni ta' riduzzjoni temporanja fil-livell minimu ta' fondi proprji jew piżijiet ta' riskju speċifikati taħt dik id-Direttiva sabiex jittieħed kont ta' ċirkostanzi speċifiċi; għall-kjarifika tal-eżenzjoni ta' ċerti espożizzjonijiet mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva dwar espożizzjonijiet kbar; u għall-aġġustament tal-kriterji għall-valutazzjoni mis-superviżuri taħt dik id-Direttiva tal-idoneità ta' akkwirent propost għal istituzzjoni ta' kreditu u tal-affidabbiltà finanzjarja ta' kwalunkwe akkwist propost.

([1]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

(42) Il-Kummissjoni għandha jkollha wkoll is-setgħa li tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward ta' aġġustamenti tekniċi tad-Direttiva 2006/49/KE għall-kjarifika ta' definizzjonijiet biex tkun assigurata l-applikazzjoni uniformi ta' dik id-Direttiva jew sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi fis-swieq finanzjarji; għall-aġġustament ta' ammonti ta' kapital inizjali stipulati minn ċerti dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva u ammonti speċifiċi rilevanti għall-kalkolu ta' rekwiżiti kapitali għall-ktieb tal-kummerċ sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi fil-qasam ekonomiku u monetarju; għall-aġġustament ta' kategoriji ta' kumpanniji ta' investiment eliġibbli għal ċerti derogi fil-livelli minimi rekwiżiti ta' fondi proprji sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi fis-swieq finanzjarji; għall-kjarifika tar-rekwiżit li l-kumpanniji ta' investiment ikunu fil-pussess ta' fondi proprji ekwivalenti għall-kwart tal-overheads fissi tagħhom tas-sena preċedenti sabiex tkun assigurata l-applikazzjoni uniformi ta' dik id-Direttiva; għall-allinjament tat-terminoloġija u tad-definizzjonijiet f'konformità ma' atti rilevanti sussegwenti; għall-aġġustament ta' dipożizzjonijiet tekniċi ta' dik id-Direttiva dwar il-kalkolu ta' rekwiżiti kapitali għal klassijiet varji ta' riskju u ta' espożizzjonijiet kbar, dwar l-użu ta' mudelli interni għall-kalkolu ta' rekwiżiti kapitali u dwar il-kummerċ sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi fis-swieq finanzjarji jew fil-kalkolu tar-riskju jew fl-istandards tal-kontabilità, jew fil-leġislazzjoni tal-Unjoni, jew li jirrigwardaw il-konverġenza fil-prattika superviżorja; u għall-kunsiderazzjoni tar-riżultati tar-reviżjoni ta' materji varji relatati mal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/49/KE.

(43) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ikollhom perjodu ta' tliet xhur mid-data tan-notifika biex joġġezzjonaw għall-att ta' delega. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu jista' jittawwal bi tliet xhur. Għandu jkun possibbli wkoll għall-Parlament Ewropew jew il-Kunsill li jgħarrfu lill-istituzzjonijiet l-oħra bl-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet. Din l-approvazzjoni bikrija ta' atti ta' delega tkun partikolarment xierqa meta jkun jeħtieġ li jiġu rrispettati l-iskadenzi, pereżempju fejn hemm skemi ta' skadenzi fl-att bażiku sabiex il-Kummissjoni tadotta atti ta' delega.

(44) Fid-Dikjarazzjoni 39 dwar l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, annessa mal-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Lisbona, iffirmat fit-13 ta' Diċembru 2007, il-Konferenza ħadet nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli tikkonsulta esperti maħtura mill-istati membri fit-tħejjija tal-abozzi ta' atti ta' delega fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, f'konformità mal-prattika stabbilita.

(45) Ladarba l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-kumpanniji ta' investiment jiġu meħtieġa jistabbilixxu linji politiċi ta' rimunerazzjoni li jkunu konsistenti mal-ġestjoni ta' riskju effettiva u li jaġġustaw ċerti rekwiżiti kapitali, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk minħabba l-iskali u l-effetti tal-azzjoni jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(46) Id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE għandhom għalhekk jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendamenti lid-Direttiva 2006/48/KE**

Id-Direttiva 2006/48/KE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) għandhom jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(40a) 'ritetolizzazzjoni' tfisser titolizzazzjoni fejn ir-riskju assoċjat ma' grupp ta' espożizzjonijiet sottostanti huwa mqassam f'segmenti u tal-anqas waħda mill-espożizzjonijiet sottostanti hija pożizzjoni ta titolizzazzjoni;

(40b) 'pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni' tfisser espożizzjoni għal rititolizzazzjoni;";

(b) għandu jiddaħħal il-punt li ġej;

"(49) 'benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni' tfisser benefiċċji mtejba tal-pensjoni mogħtija minn istituzzjoni ta' kreditu lil impjegat fuq bażi diskrezzjonarja bħala parti mir-rimunerazzjoni varjabbli ta' dak l-impjegat, li ma' jinkludux beneffiċċji akkumulati mogħtija lil-impjegat skont it-termini tal-iskema ta' pensjoni tal-kumpanija.".

(2) Fl-Artikolu 11(1), is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied:

"Il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jiżgura li jkun hemm linji gwida għall-valutazzjoni tal-idonjetà tal-persuni li effettivament imexxu n-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu.".

(3) L-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ta' domiċilju għandhom jesiġu li kull istituzzjoni ta' kreditu jkollha arranġamenti għaqlija ta' governanza, li jinkludu struttura organizzattiva ċara b'linji ta' responsabbiltà definiti sewwa, trasparenti u konsistenti, proċessi effikaċi sabiex tidentifika, timmaniġġa, timmonitorja u tirrapporta r-riskji li hija esposta għalihom jew li tista' tkun esposta għalihom, mekkaniżmi interni adegwati ta' kontroll, fosthom proċeduri tajba ta' amministrazzjoni u kontabbiltà, u politika u prattiċi tar-rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' u jippromwovu mmaniġġar tajjeb u effikaċi tar-riskji.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jużaw l-informazzjoni miġbura skont il-kriterji għall-iżvelar stabbiliti fil-punt 15(ea) tal-parti 2 tal-Anness XII biex jagħmlu benchmarks tax-xejriet u prattiċi tar-rimunerazzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi din l-informazzjoni lill-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej.

4. Il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jiżgura l-eżistenza ta' linji gwida dwar politika għaqlija tar-rimunerazzjoni li jaqblu mal-prinċipji stipulati fil-punti 23 u 24 tal-Anness V. Il-linji gwida għandhom jieħdu kont tal-prinċipji dwar linji politiċi għaqlija tar-rimunerazzjoni stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2009 dwar il-politika tar-rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarjis (*).

l-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu, inter alia, jiżgura l-eżistenza ta' linji gwida li:

(a) iffissaw kriterji speċifiċi għad-determinazzjoni tal-proporzjonijiet xierqa bejn il-komponent fiss u dak varjabbli tar-rimunerazjoni totali fis-sens tal-punt 23(l) tal-Anness V;

(b) ispeċifikaw strumenti li jistgħu jkunu eliġibbli bħala strumenti fis-sens tal-punt 23(o)(ii) tal-Anness V li jirriflettu adegwatament il-kwalità kreditizja ta' istitituzzjonijiet ta' kreditu fis-sens tal-punt 23(o) ta' dak l-Anness.

Il-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej għandu jikkopera mill-qrib mal-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej fl-iżgurar tal-eżistenza ta' linji gwida dwar il-politika tar-rimunerazzjoni għal kategoriji ta' persunal involuti fl-għoti ta' servizzi ta' investiment u attivitajiet fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE.

Il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu juża l-informazzjoni li jirċievi mill-awtoritajiet kompetenti skont il-paragrafu 3 biex jagħmlu benchmarks tax-xejriet u prattiċi ta' rimunerazzjoni fil-livell tal-Unjoni.

5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandhom jiġbru informazzjoni dwar l-għadd ta' individwi għal kull istituzzjoni ta' kreditu li jaqilgħu ta' lanqas EUR 1 miljun jew aktar inklużi l-qasam ta' negozju involut u l-elementi ewlenin tas-salarju, bonus, għotjiet fit-tul u kontribuzzjoni tal-pensjoni. Dik l-informazzjoni għandha tingħadda lill-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej li għandu jiżvelha fuq bażi aggregata skont l-Istat Membru ta' domiċilju f' format komuni ta' rappurtar. Il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej jista' jfassal linji gwida biex jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu u biex jiżgura l-konsistenza tal-informazzjoni miġbura.

---

(*) ĠU L 120, 15.5.2009, p. 22."

(4) Fl-Artikolu 54, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom ikollhom is-setgħa li jimponu *jew japplikaw* penali finanzjarji u mhux finanzjarji jew miżuri oħra. Dawk il-penali jew miżuri jridu jkunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.".

(5) Fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 57, il-punt (r) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(r) l-ammont ta' espożizzjoni ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jirċievu piż ta' riskju ta' 1 250 % skont din id-Direttiva u l-ammont ta' espożizzjoni ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-ktieb tal-kummerċ li jirċievu piż ta' riskju ta' 1 250 % li kieku kienu fil-ktieb mhux tal-kummerċ tal-istess istituzzjonijiet ta' kreditu.".

(6) Fl-Artikolu 64, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-Parti B tal-Anness VII tad-Direttiva 2006/49/KE għall-assi kollha tagħhom imkejla fil-valur ġust meta jikkalkulaw l-ammont ta' fondi proprji u għandhom inaqqsu mit-total tal-punti (a) sa (ca) għajr il-punti (i) sa (k) fl-Artikolu 57 l-ammont ta' kwalunkwe aġġustament addizzjonali meħtieġ tal-valur. Il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jistabbilixxi linji gwida rigward id-dettalji tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.".

(7) Fl-Artikolu 66, il-paragrafu 2 jinbidel b'dawn li ġejjin:

"2. Nofs it-total tal-entrati fil-punti (l) sa (r) tal-Artikolu 57 għandu jitnaqqas nofs mit-total tal-entrati fil-punti (a) sa (ca) għajr il-punti (i) sa (k) ta' dak l-Artikolu, u nofs mit-total tal-entrati fil-punti (d) sa (h) ta' dak l-Artikolu, wara l-applikazzjoni tal-limiti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Sakemm nofs it-total tal-entrati fil-punti (l) sa (r) jaqbeż it-total tal-entrati fil-punti (d) sa (h) tal-Artikolu 57, iż-żejjed għandu jitnaqqas mit-total tal-entrati fil-punti (a) sa (ca) għajr il-punti (i) sa (k) ta' dak l-Artikolu.

L-entrati fil-punt (r) tal-Artikolu 57 ma għandhomx jitnaqqsu jekk ikunu ġew inklużi għall-finijiet tal-Artikolu 75 fil-kalkolu tal-ammonti ta' espożizzjonijiet peżati għar-riskju kif speċifikat f'din id-Direttiva jew fil-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali kif speċifikat fl-Anness I jew V tad-Direttiva 2006/49/KE.".

(8) Fl-Artikolu 75, il-punti (b) u (c) jinbidlu b'dan li ġej:

"(b) fir-rigward tal-kummerċ taghhom fil-ktieb tal-kummerċ, għar-riskju tal-pożizzjoni u r-riskju tal-kontroparti u, sakemm huwa awtorizżat li l-limiti stabbiliti fl-Artikoli 111 sa 117 jinqabżu għal espożizzjonijiet kbar li jaqbżu tali limiti, ir-rekwiżiti kapitali stabbiliti skont l-Artikolu 18 u l-Artikoli 28 sa 32 tad-Direttiva 2006/49/KE;

(ċ) fir-rigward tal-attivitajiet kummerċjali kollha tagħhom, għar-riskju tal-kambju, għar-riskju tas-saldu u għar-riskju tal-komoditajiet, ir-rekwiżiti kapitali stabbiliti skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2006/49/KE;".

(9) Fl-Artikolu 101, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Istituzzjoni ta' kreditu sponsor, jew istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi li fir-rigward ta' titolizzazzjoni tkun għamlet użu mill-Artikolu 95 fil-kalkolu tal-ammonti ta' espożizzjoni peżati għar-riskju jew tkun biegħet strumenti mill-ktieb kummerċjali tagħha lil SSPE sabiex ma tkunx għadha rikjesta jkollha l-fondi tagħha stess għar-riskji ta' dawk l-istrumenti, ma għandhomx, bil-ħsieb li jnaqqsu t-telf potenzjali jew attwali lill-investituri, jipprovdu appoġġ lit-titolizzazzjoni lil hinn mill-obbligi kuntrattwali tagħhom.".

(10) L-Artikolu 136 huwa emendat kif ġej:

(a) fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(f) jobbligaw lill-istituzzjonijiet ta' kreditu biex jillimitaw ir-rimunerazzjoni varjabbli bħala perċentwali tad-dħul totali nett fejn tkun inkonsistenti maż-żamma ta' bażi kapitali soda;

(g) jobbligaw lill-istituzzjonijiet ta' kreditu biex jużaw il-profitt netti ħalli jsaħħu l-bażi kapitali.";

(b) fil-paragrafu 2, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet li jiġi stabbilit il-livell xieraq ta' fondi proprji abbażi tar-reviżjoni u l-evalwazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 124, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk tkunx meħtieġa xi impożizzjoni ta' rekwiżit speċifiku dwar fondi proprji li jaqbeż il-livell minimu sabiex jaqbad riskji li istituzzjoni ta' kreditu tista' tkun esposta għalihom, billi tikkunsidra dawn li ġejjin:

(a) l-aspetti kwantitattivi u kwalitattivi tal-proċess ta' valutazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 123;

(b) l-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, imsemmija fl-Artikolu 22;

(ċ) l-eżitu tar-reviżjoni u l-evalwazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 124.".

(11) Fl-Artikolu 145, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jadottaw politika formali sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' żvelar stipulati fil-paragrafu 1 u 2, u jkollhom linji politiċi biex jivvalutaw l-adegwatezza tal-iżvelar tagħhom, fosthom il-verifika u l-frekwenza ta' dan l-iżvelar. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikollhom ukoll linji politiċi sabiex jivvalutaw jekk l-iżvelar tagħhom jikkomunikax il-profil tar-riskju tagħhom b'mod komprensiv lill-parteċipanti tas-suq.

Fejn dan l-iżvelar ma jikkomunikax il-profil tar-riskju b'mod komprensiv lill-parteċipanti tas-suq, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiżvelaw pubblikament l-informazzjoni meħtieġa flimkien ma' dik rikjesta skont il-paragrafu 1. Madankollu, huma għandhom ikunu meħtieġa biss li jiżvelaw informazzjoni li hija materjali u mhux proprjetarja jew kunfidenzjali skont il-kriterji tekniċi stipulati fil-Parti 1 tal-Anness XII.".

(12) It-titolu tat-Titolu VI jinbidel b'dan li ġej:

"**ATTI TA' DELEGA U SETGĦAT TA' EŻEKUZZJONI**".

(13) L-Artikolu 150(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Bla preġudizzju, f'dak li jirrigwarda l-fondi proprji, għall-proposta li l-Kummissjoni għandha tressaq skont l-Artiolu 62, l-aġġustamenti tekniċi […] fl-oqsma li ġejjin għandhom jiġu adottati permezz ta' atti ta' delega skont l-Artikoli 151a, 151b u 151c. Il-miżuri msemmija fil-punti (d) u (e) għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatroja msemmija fl-Artikolu 151a, u suġġetta għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 151b u 151c:

(a) il-kjarifika tad-definizzjonijiet biex jassiguraw l-applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva;

(b) il-kjarifika tad-definizzjonijiet sabiex jittieħed kont, fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, ta' żviluppi fis-swieq finanzjarji;

(ċ) l-allinjament tat-terminoloġija dwar u l-ifformular tad-definizzjonijiet f'konformità mal-atti sussegwenti dwar l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-kwistjonijiet relatati;

(d) l-espansjoni tal-kontenut tal-lista li hemm referenza dwarha fl-Artikoli 23 u 24 u stabbilita fl-Anness I jew l-adattament tat-terminoloġija użata f'dik il-lista biex jittieħed kont tal-iżviluppi fis-swieq finanzjarji;

(e) l-oqsma li fihom l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu skambju tal-infomazzjoni kif elenkata fl-Artikolu 42;

(f) l-aġġustament tekniku fl- Artikoli 56 sa 67 u fl-Artikolu 74 bħala riżultat ta' żviluppi fl-istandards tal-kontabilità jew fir-rekwiżiti li jieħdu kont tal-leġislazzjoni tal-Unjoni, jew li jirrigwardaw il-konverġenza tal-prattika superviżorja;

(g) l-emenda tal-lista ta' klassijiet ta' espożizzjonijiet fl-Artikoli 79 and 86 sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi fis-swieq finanzjarji;

(h) l-ammont imsemmi fl-Artikolu 79(2)(c), l-Artikolu 86(4)(a),l-Anness VII, Parti 1, punt 5 u l-Anness VII, Parti 2, punt 15, biex jittieħed kont tal-effetti tal-inflazzjoni;

(i) il-lista u l-klassifikazzjoni ta' elementi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ fl-Annessi II u IV;

(j) l-aġġustament tad-dispożizzjonijiet fl-Annessi III u V sa XII sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi fis-swieq finanzjarji (b'mod partikolari prodotti finanzjarji ġodda) jew fl-istandards tal-kontabilità jew fir-rekwiżiti li jieħdu kont tal-leġislazzjoni tal-Unjoni, jew li jirrigwardaw il-konverġenza tal-prattiċi superviżorji.

1a. Il-miżuri li ġejjin għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 151(2a):

(a) aġġustament tekniku tal-lista msemmija fl-Artikolu 2;

(b) tibdil fl-ammont ta' kapital inizjali tabbilit fl-Artikolu 5 biex jittieħed kont tal-iżviluppi fil-qasam ekonomiku u monetarju.";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) Fl-ewwel subparagrafu, il-parti introduttorja tinbidel b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżuri li ġejjin:";

(ii) it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-miżuri msemmija fil-punti (a), (b), (c) u (f) tal-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati permezz ta' atti ta' delega skont l-Artikoli 151a, u suġġetta għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli:151b u 151c. Il-miżuri msemmija fil-punti (d) u (e) tal-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 151(2a).".

(14) fl-Artikolu 151, il-paragrafi 2 u 3 huma mħassra.

(15) Jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 151a*

**Eżerċizzju tad-delegazzjoni**

1. Is-setgħa li tadotta atti ta' delega msemmija fl-Artikolu 150(1) u fl-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 150(2) għandha tkun konferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' erba' snin wara l-15 ta' Diċembru 2010. Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport rigward is-setgħat delegati mhux aktar tard minn sitt xhur qabel tmiem il-perjodu ta' erba' snin. Id-degazzjoni tas-setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' tul identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jirrevokahiex skont l-Artikolu 151b.

2. Hekk kif tadotta att ta' delega, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess waqt lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Is-setgħa li tadotta atti ta' delega hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 151b u 151c.

*Artikolu 151b*

**Revoka tad-delegazzjoni**

1. Id-delegazzjoni ta' setgħa li jirriferi għaliha l-Artikolu 150(1) u fl-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 150(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe waqt mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

2. L-istituzzjoni li tniedi proċedura interna biex tiddeċiedi jekk tirrevokax delega tas-setgħa għandha tagħmel ħilitha biex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel tittieħed deċiżjoni finali, filwaqt li tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu suġġetti għal revoka.

3. Id-deċiżjoni tar-revoka għandha ttemm id-delegazzjoni tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din tidħol fis-seħħ immedjatament jew f'data aktar tard speċifikata fid-deċiżjoni. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ta' delega li jkunu diġà fis-seħħ. Id-deċiżjoni għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

*Artikolu 151c*

**Oġġezzjonijiet għal atti ta' delega**

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att ta' delega fi żmien perjodu ta' tliet xhur mid-data tan-notifika. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur.

2. Jekk, meta jiskadi il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att ta' delega, dan għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data stipulata fih. L-att ta' delega jista' jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħol fis-seħħ fid-data qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma għarrfu lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal att ta' delega fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, dan ma għandux jidħol fis-seħħ. F'konformità mal-Artikolu 296 TFUE, l-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-oġġezzjoni tagħha għall-att ta' delega.".

(16) Fl-Artikolu 152, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"5a. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkalkulaw ammonti ta' espożizzjonijiet peżati għar-riskju skont l-Artikoli 84 sa 89 għandhom jipprovdu sal-31 ta' Diċembru 2011 fondi proprji li jkunu f'kull waqt ogħla minn jew daqs l-ammont indikat fil-paragrafu 5c jew il-paragrafu 5d jekk applikabbli.

5b. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw l-Approċċi ta' Kejl Avvanzati kif speċifikati fl-Artikolu 105 għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali tagħhom għar-riskju operattiv għandhom jipprovdu sal-31 ta' Diċembru 2011 fondi proprji li jkunu f'kull ħin ogħla minn jew daqs l-ammont indikat fil-paragrafu 5c jew 5d jekk applikabbli.

5c. L-ammont imsemmi fil-paragrafi 5a u 5b għandu jkun 80 % tal-ammont minimu totali tal-fondi proprji li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu meħtieġa jżommu skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE, kif applikabbli qabel l-1 ta' Jannar 2007.

5d. Suġġett għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, għall-istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija fil-paragrafu 5e, l-ammont imsemmi fil-paragrafi 5a u 5b jista' jammonta għal sa 80 % tal-ammont minimu totali tal-fondi proprji li dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu meħtieġa jżommu skont l-Artikoli 78 sa 83, l-Artikolu 103 jew 104 u d-Direttiva 2006/49/KE kif applikabbli qabel l-1 ta' Jannar 2011.

5e. Istituzzjoni ta' kreditu tista' tapplika l-paragrafu 5d biss jekk hi tkun bdiet tuża l-Approċċ IRB jew l-Approċċi ta' Kejl Avvanzati għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali tagħha fl-1 ta' Jannar 2010 jew wara.".

(17) l-Artikolu 154(5) jinbidel b'dan li ġej:

"5. Sal-31 ta' Diċembru 2012, il-medja tal-LGD peżata għall-espożizzjonijiet kollha tal-imnut garantiti permezz ta' proprjetajiet residenzjali u li ma jibbenfikawx minn garanziji minn gvernijiet ċentrali m'għandhiex tkun anqas minn 10 %.".

(18) fl-Artikolu 156, il-paragrafi li ġejjin jiddaħħlu wara t-tielet paragrafu:

"Sa April 2013. il-Kummissjoni għandha tirrivedi u tirrapporta fuq id-dispożizzjonijiet dwar ir-rimunerazzjoni, inklużi dawk stipulati fl-Annessi V u XII, partikolarment fir-rigward tal-effiċjenza, l-implimentazzjoni u l-infurzar tagħhom, b' kont meħud tal-iżviluppi internazzjonali. Dik ir-reviżjoni għandha tidentifika kwalunkwe lakuna li toħroġ mill-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità għal dawk id-dispożizzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tressaq ir-rapport tagħha quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill flimkien ma' kwalunkwe proposta leġislattiva xierqa.

Sabiex tiżgura l-konsistenza u kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd, il-Kummissjoni għandha tirrivedi l-implimentazzjoni tal-Artikolu 54 fir-rigward tal-konsistenza tal-penali u ta' miżuri oħra imposti u applikati fl-Unjoni kollha kemm hi u, jekk ikun il-każ, għandha tressaq proposti.

Ir-reviżjoni perjodika min-naħa tal-Kummissjoni tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tiżgura li l-mod li bih tkun applikata ma jwassalx għal diskriminazzjoni bejn istituzzjonijiet ta' kreditu abbażi tal-istruttura legali jew tal-mudell ta' sjieda tagħhom.

Biex tiżgura l-konsistenza fl-approċċ prudenzjali għall-kapital, il-Kummissjoni għandha tirrivedi -rilevanza tar-referenza għall-istrumenti fis-sens tal-Artikolu 66(1a)(a) fil-punt 23(o)(ii) tal-Anness V hekk kif tieħu inizjattiva biex tirrivedi d-definizzjoni ta' strumenti kapitali kif dispost fl-Artikoli 56 sa 67.".

(19) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 156a*

Sal-31 ta' Diċembru 2011 il-Kummissjoni għandha tirrivedi u tirrapporta dwar jekk ikunx tajjeb li jsiru tibdiliet għall-allinjament tal-Anness IX ta' din id-Direttiva b'kont meħud ta' ftehim internazzjonali rigward rekwiżiti kapitali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tressaq dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill flimkien ma' kwalunkwe proposta leġislattiva xierqa.".

(20) L-Annessi huma emendati kif stipulat fl-Anness I ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Emendamenti lid-Direttiva 2006/49/KE**

Id-Direttiva 2006/49/KE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1), jiddaħħal il-punt li ġej:

"(t) 'pożizzjoni ta' titolizzazzjoni' u 'pożizzjoni ta' ritolizzazzjoni' jfissru, rispettivament, pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni kif iddefinit fid-Direttiva 2006/48/KE.".

(2) Fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 17(1), il-parti introduttorja tinbidel b'dan li ġej:

"Meta istituzzjoni tikkalkula l-ammonti ta' espożizzjonijiet peżati mar-riskju għall-finijiet tal-Anness II ta' din id-Direttiva skont l-Artikoli 84 sa 89 tad-Direttiva 2006/48/KE, għall-finijiet tal-kalkolu previst fil-punt 36 tal-Parti 1 tal-Anness VII tad-Direttiva 2006/48/KE, għandu japplika dan li ġej:".

(3) Fl-Artikolu 18(1), il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) ir-rekwiżiti kapitali, ikkalkulati skont il-metodi u l-alternattivi stabbiliti fl-Artikoli 28 sa 32 u l-Anness I, II, u VI u, kif meħtieġ, l-Anness V, għall-kummerċ tagħhom fil-ktieb tal-kummerċ, u l-punti 1 sa 4 tal-Anness II għall-kummerċ tagħhom fil-ktieb mhux tal-kummerċ.".

(4) It-titolu tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu VIII jinbidel b'dan li ġej:

"Atti ta' delega u setgħat ta' eżekuzzjoni".

(5) L-Artikolu 41(2) jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati permezz ta' atti ta' delega skont l-Artikolu 42a, u suġġetta għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 42b u 42c."

(6) L-Artikolu 42(2) huwa mħassar.

(7) Jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 42a*

**Eżerċizzju tad-delegazzjoni**

1. Is-setgħa li tadotta atti ta' delega msemmija fl-Artikolu 41 għandha tkun konferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' erba' snin mill-15 ta' Diċembru 2010. Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport rigward is-setgħat delegati mhux aktar tard minn sitt xhur qabel tmiem il-perjodu ta' erba' snin. Id-degazzjoni tas-setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' tul identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jirrevokahiex skont l-Artikolu 42b.

2. Hekk kif tadotta att ta' delega, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess waqt lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Is-setgħa li tadotta atti ta' delega hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 42b u 42c.

*Artikolu 42b*

**Revoka tad-delegazzjoni**

1. Id-delegazjoni ta' setgħa li jirriferi għaliha l-Artikolu 41 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe waqt mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

2. L-istituzzjoni li tniedi proċedura interna biex tiddeċiedi jekk tirrevokax is-setgħa għandha tagħmel ħilitha biex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel tittieħed deċiżjoni finali, filwaqt li tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu suġġetti għal revoka.

3. Id-deċiżjoni tar-revoka għandha ttemm id-delegazzjoni tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din tidħol fis-seħħ immedjatament jew f'data aktar tard speċifikata fid-deċiżjoni. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ta' delega li jkunu diġà fis-seħħ. Id-deċiżjoni għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 42c*

**Oġġezzjonijiet għal atti ta' delega**

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att ta' delega fi żmien perjodu ta' tliet xhur mid-data tan-notifika. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jittawwal bi tliet xhur.

2. Jekk, meta jiskadi il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att ta' delega, dan għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data stipulata fih. L-att ta' delega jista' jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħol fis-seħħ fid-data qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma għarrfu lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għall-att ta' delega fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, dan ma għandux jidħol fis-seħħ. F'konformità mal-Artikolu 296 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-oġġezzjoni tagħha għall-att ta' delega.".

(8) L-Artikolu 47 jinbidel b'dan li ġej:

"Sat-30 ta' Diċembru 2011 jew kwalunkwe data qabel speċifikata mill-awtoritajiet kompetenti skont il-każ, l-istituzzjonijiet li rċevew rikonoxximent ta' mudell tar-riskju speċifiku qabel l-1 ta' Jannar 2007 bi qbil mal-punt 1 tal-Anness V jistgħu, għal dak ir-rikonoxximent eżistenti, japplikaw il-punti 4 u 8 tal-Anness VII tad-Direttiva 93/6/KEE peress li dawn il-punti kienu validi qabel l-1 ta' Jannar 2007.".

(9) L-Annessi huma emendati kif stipulat fl-Anness II ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma':

(a) il-punti 3, 4, 16 u 17 tal-Artikolu 1, u l-punti 1, 2(c), 3, u 5(b)(iii) tal-Anness I, sal-1 ta' Jannar 2011; u

(b) id-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva għajr dawk speċifikati fil-punt (a), sal-31 ta' Diċembru 2011.

Meta l-Istati Membri jadottaw il-miżuri msemmija f'dan il-paragrafu, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew tali referenza għandha takkumpanjahom meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. Il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-konformità mal-punt 1 tal-Anness I għandhom jobbligaw lill-istituzzjonjiet ta' kreditu biex japplikaw il-prinċipji stipulati hemmhekk:

(i) għar-rimunerazzjoni dovuta abbażi ta' kuntratti konklużi qabel id-data effettiva tal-implimentazzjoni f'kull Stat Membru u assenjati jew imħallsa wara dik id-data; u

(ii) fir-rigward ta' servizzi pprovduti fl-2010, għar-rimunerazzjoni assenjata, imma mhux imħallsa qabel id-data effettiva tal-implimentazzjoni f'kull Stat Membru.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

**Rapport**

Fir-rigward tan-natura internazzjonali tal-qafas ta' Basel u tar-riskji assoċjati ma' implimentazzjoni mhux simultanja tal-bidliet f'dak il-qafas f'ġurisdizzjonijiet ewlenin, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2010 dwar il-progress li jkun sar lejn l-implimentazzjoni internazzjonali tal-bidliet fil-qafas tal-adegwatezza kapitali, flimkien ma' kwalunkwe proposta adatta.

*Artikolu 5*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 6*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, l-24 ta' Novembru 2010.

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | O. CHASTEL |

*ANNESS I*

L-Annessi V, VI, VII, IX u XII tad-Direttiva 2006/48/KE huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness V, tiddaħħal it-Taqsima segwenti:

"11. POLITIKA DWAR IR-RIMUNERAZZJONI

23. Meta jistabbilixxu u japplikaw il-politika dwar ir-rimunerazzjoni totali, inklużi s-salarji u l-benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjonijiet, għal kategoriji ta' persunal inklużi l-maniġment ta' livell għoli, dawk li jieħdu r-riskji, il-persunal fil-karigi ta' kontroll, u kwalunkwe impjegat li r-rimunerazzjoni totali tiegħu tieħdu fl-istess kategorija ta' rimunerazzjoni bħall-maniġment ta' livell għoli u dawk li jieħdu r-riskji, u li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkonformaw mal-prinċipji segwenti b'mod u sal-punt li jkun adattat għad-daqs tagħhom, għall-organizzazzjoni interna u għan-natura, il-firxa u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom:

(a) il-politika dwar ir-rimunerazzjoni tkun konsistenti ma' u tippromwovi mmaniġġar tajjeb u effikaċi tar-riskji u ma tinkoraġġix teħid tar-riskju li jaqbeż il-livell ta' riskju ttollerat tal-istituzzjoni ta' kreditu;

(b) il-politika dwar ir-rimunerazzjoni tkun konformi mal-istrateġija kummerċjali, l-objettivi, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu, u tinkludi miżuri biex jiġu evitati l-konflitti ta' interess;

(ċ) il-korp maniġerjali, fil-funzjoni superviżorja tiegħu, tal-istituzzjoni ta' kreditu jadotta u jirrivedi perjodikament il-prinċipji ġenerali tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni u jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tagħha;

(d) l-implimentazzjoni tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni tkun, tal-anqas darba fis-sena, suġġetta għal reviżjoni interna ċentrali u indipendenti dwar il-konformità mal-politika u l-proċeduri għar-rimunerazzjoni adottati mill-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu;

(e) persunal fil-funzjonijiet ta' kontroll ikunu indipendenti mill-unitajiet tan-negozju li jissorveljaw, ikollhom l-awtorità adatta, u jkunu rimunerati skont it-twettiq tal-objettivi marbuta mal-funzjonijiet tagħhom, indipendentement mill-prestazzjoni tal-oqsma tan-negozju li jikkontrollaw;

(f) ir-rimunerazzjoni tal-uffiċjali ta' livell għoli fil-karigi għall-immaniġġar tar-riskji u għall-konformità hi sorveljata direttament mill-kumitat għar-rimunerazzjoni msemmi fil-punt (24) jew, jekk tali kumitat ma jkunx għad ġie stabbilit, mill-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu;

(g) fejn ir-rimunerazzjoni tkun marbuta mal-prestazzjoni, l-ammont totali ta' rimunerazzjoni jkun ibbażat fuq kombinazzjoni tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-individwu u tal-unità tan-negozju kkonċernata u tar-riżultati globali tal-istituzzjoni ta' kreditu u meta tkun qed tiġi vvalutata l-prestazzjoni individwali, jittieħed kont ta' kriterji finanzjarji kif ukoll mhux finanzjarji;

(h) il-valutazzjoni tal-prestazzjoni hija stabbilita f'qafas pluriennali sabiex jiġi żgurat li l-proċess ta' valutazzjoni jkun ibbażat fuq prestazzjoni aktar fit-tul u li l-ħlas attwali tal-komponenti tar-rimunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni jkun mifrux fuq perjodu li jqis iċ-ċiklu kummerċjali sottostanti tal-impriża ta' kreditu u r-riskji kummerċali tagħha;

(i) ir-rimunerazzjoni totali varjabbli ma tkunx tillimita l-kapaċità tal-istituzzjoni ta' kreditu biex issaħħaħ il-bażi kapitali tagħha;

(j) ir-rimunerazzjoni varjabbli garantita tkun eċċezzjonali u sseħħ biss fir-reklutaġġ ta' persunal ġdid u tkun limitata għall-ewwel sena ta' impjieġ;

(k) fil-każ ta' istituzzjonijiet tal-kreditu li jibbenefikaw minn intervent eċċezzjonali tal-gvern:

(i) ir-rimunerazzjoni varjabbli hija strettament limitata bħala perċentwal tad-dħul nett meta ma tkunx konsistenti maż-żamma ta' bażi kapitali soda u ma' ħruġ f'waqtu mill-għajnuna governattiva;

(ii) l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jobbligaw lill-istituzzjonijiet ta' kreditu biex jirristrutturaw ir-rimunerazzjoni b'mod li tkun allinjata mal-immaniġġar għaqli tar-riskju u mat-tkabbir fit-tul, inkluż meta jkun xieraq, l-istabbiliment ta' limiti għar-rimunerazzjoni tal-persuni li effettivament imexxu n-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu fis-sens tal-Artikolu 11(1);

(iii) l-ebda rimunerazzjoni varjabbli m' għandha titħallas lill-persuni li effettivament imexxu n-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu fis-sens tal-Artikolu 11(1) jekk dan ma jkunx ġustifikat;

(l) il-komponenti fissi u varjabbli tar-rimunerazzjoni totali jkunu bbilanċjati b'mod xieraq u l-komponent fiss jirrappreżenta proporzjon għoli biżżejjed tar-rimunerazzjoni totali sabiex jippermetti t-tħaddim ta' politika kompletament flessibbli dwar il-komponenti tar-rimunerazzjoni varjabbli, fosthom il-possibbiltà li ma jitħallas.

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiffissaw proporzjonijiet adegwati bejn il-komponent fiss u dak varjabbli tar-rimunerazzjoni totali;

(m) il-ħlasijiet marbuta mat-terminazzjoni bikrija ta' kuntratt ikunu jirriflettu l-prestazzjoni miksuba maż-żmien u huma mfassla b'mod li ma jippremjawx il-falliment;

(n) il-kejl tal-prestazzjoni li jintuża sabiex jiġu kkalkulati l-komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni jew raggruppamenti ta' komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni jkun jinkludi aġġustament għat-tipi kollha ta' riskji kurrenti u futuri u jieħu kont tal-ispejjeż tal-kapital u tal-likwidità meħtieġa;

L-allokazzjoni tal-komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni fi ħdan l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tieħu kont ukoll tat-titpi kollha ta' riskji kurrenti u futuri;

(o) porzjon sostanzjali, u fi kwalunkwe każ li tkun tal-anqas 50 % ta' kwalunkwe rimunerazzjoni varjabbli għandha tikkonsisti f'bilanċ adegwat ta':

(i) ishma jew interessi ta' sjieda ekwivalenti, suġġetti għall-istruttura legali tal-istituzzjoni ta' kreditu konċernata jew strumenti marbuta mal-ishma jew strumenti ekwivalenti mhux kontanti, fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu mhux kwotati, u

(ii) fejn xieraq, strumenti oħra fis-sens tal-Artikolu 66(1a)(a) li adegwatament jirriflettu l-kwalità tal-kreditu tal-istituzzjoni ta' kreditu bħala negozju operattiv.

Dawn l-istrumenti huma suġġetti għal politika adatta ta' retenzjoni maħsuba biex tallinja l-inċentivi mal-interessi aktar fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistgħu jimponu restrizzjonijiet fuq it-tipi u t-tfassil ta' dawn l-istrumenti jew jipprojbixxu ċerti strumenti skont ma jkun xieraq. Dan il-punt għandu jiġi applikat sew għall-porzjon differit tar-rimunerazzjoni varjabbli skont il-punt (p) kif ukoll għall-porzjon mhux differit tar-rimunerazzjoni varjabbli;

(p) porzjon sostanzjali, u fi kwalunkwe każ li jkun tal-anqas 40 % tal-komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni jkun differit matul perijodu ta' mhux inqas minn tliet snin sa ħames snin u jkun allinjat b'mod korrett man-natura tan-negozju, ir-riskji tiegħu u l-attivitajiet tal-membru tal-persunal konċernat.

Ir-rimunerazzjoni pagabbli skont l-arranġamenti ta' differiment m' għandiex tvesti aktar malajr minn fuq bażi pro-rata. Fil-każ ta' komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni ta' ammont partikolarment għoli, tal-anqas 60 % tal-ammont għandu jiġi differit. It-tul tal-perjodu tad-differiment għandu jkun stabbilit skont iċ-ċiklu tan-negozju, in-natura tan-negozju, ir-riskji tiegħu u l-attivitajiet tal-membru tal-persunal ikkonċernat;

(q) ir-rimunerazzjoni varjabbli, inkluż il-porzjon differit, titħallas jew tkun akkwiżita biss jekk tkun sostenibbli skont is-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni ta' kreditu fl-intier tagħha, u tkun iġġustifikata skont il-prestazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu, tal-unità tan-negozju u tal-individwu kkonċernat.

Bla ħsara għall-prinċipji ġenerali tal-liġijiet nazzjonali dwar il-kuntratti u l-impjiegi, ir-rimunerazzjoni varjabbli totali għandha ġeneralment tiċċekken konsiderevolment fejn isseħħ prestazzjoni finanzjarja mdgħajfa jew negattiva tal-istituzzjoni ta' kreditu, b' kont meħud kemm tar-rimunerazzjoni kurrenti kif ukoll tat-tnaqqis fil-pagamenti ta' ammonti li jkunu ddaħħlu preċedentement, inklużi minħabba ta' malus jew arranġamenti ta' rkupru;

(r) il-politika dwar ir-rimunerazzjoni tkun konsistenti mal-istrateġija kummerċjali, l-objettivi, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu.

Jekk l-impjegat jitlaq mill-istituzzjoni ta' kreditu qabel ma jirtira, benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni għandhom jinżammu mill-istituzzjoni ta' kreditu għal perjodu ta' ħames snin fil-forma ta' strumenti msemmija fil-punt (o). Fil-każ ta' impjegat li jilħaq l-età tal-irtirar, benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni għandhom jitħallsu lill-impjegat fil-forma ta' strumenti msemmijafil-punt (o) suġġetti għal perjodu ta' retenzjoni ta' ħames snin;

(s) il-membri tal-persunal jkunu obbligati jimpenjaw irwieħhom li ma jużawx strateġiji tal-hedging jew assigurazzjoni relatata mar-rimunerazzjoni u r-responsabbiltà li jimminaw l-effetti tal-allinjament tar-riskju integrati fl-arranġamenti ta' rimunerazzjoni tagħhom;

(t) ir-rimunerazzjoni varjabbli ma titħallasx permezz ta' veikoli jew metodi li jiffaċilitaw l-evitar tar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva;

Il-prinċipji msemmija f' dan il-punt huma applikati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-livell tal-grupp, tal-kumpanija prinċipali u tas-sussidjarji, inklużi dawk stabbiliti f'ċentri finanzjarji offshore.

24. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma sinifikanti fid-daqs u l-organizzazzjoni interna tagħhom u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom għandhom jistabbilixxu kumitat ta' rimunerazzjoni. Il-kumitat għar-rimunerazzjoni għandu jkun ikkostitwit b'tali mod li jkun jista' jeżerċita ġudizzju kompetenti u indipendenti dwar il-politika u l-prattiċi tar-rimunerazzjoni u l-inċentivi maħluqa għall-immaniġġar tar-riskju, il-kapital u l-likwidità.

Il-kumitat ta' rimunerazzjoni għandu jkun responsabbli għat-tħejjija ta' deċiżjonijiet rigward ir-rimunerazzjoni, inklużi dawk li jkollhom implikazzjonijiet għar-riskju u l-immaniġġar tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata u li jkollhom jittieħdu mill-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu. Il-President u l-membri tal-Kumitat għar-rimunerazzjoni għandhom ikunu membri tal-korp maniġerjali li ma jaqdu l-ebda funzjoni eżekuttiva fl-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata. Huwa u jħejji deċiżjonijiet bħal dawn, il-kumitat għar-rimunerazzjoni għandu jqis l-interessi fit-tul tal-azzjonisti, l-investituri u persuni oħra interessati fl-istituzzjoni ta' kreditu.".

(2) Il-Parti I tal-Anness VI hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 8 jinbidel b'dan li ġej:

"8. Mingħajr ħsara għall-punti 9, 10 u 11, l-espożizzjonijiet għall-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet legali għandhom ikollhom piż ta' riskju bħall-espożizzjonijiet għall-istituzzjonijiet, suġġett għall-punt 11a. Tali trattament huwa indipendenti mill-eżerċizzju tad-diskrezzjoni kif speċifikat fl-Artikolu 80(3). It-trattament preferenzjali għall-espożizzjonijiet ta' perjodu qasir speċifikati fil-punti 31, 32 u 37 ma għandux jiġi applikat.";

(b) jiddaħħal il-punt li ġej:

"11a. Mingħajr ħsara għall-punti 9, 10 u 11, l-espożizzjonijiet għal gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali tal-Istati Membri denominati u ffinanzjati fil-munita domestika ta' dak il-gvern reġjonali u awtorità lokali għandhom jiġu assenjati piż ta' riskju ta' 20 %.";

(ċ) il-punt 68 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, il-punti (d) u (e) jinbidlu b'dan li ġej:

"(d) is-self garantit bi proprjetà immobbli residenzjali jew ishma f'kumpaniji tad-djar residenzjali Finlandiżi kif imsemmi fil-punt 46 sal-anqas mill-ammont prinċipali tal-garanziji ta' sigurtà li huma mgħaqqda ma' kull garanzija ta' sigurtà preċedenti u 80 % tal-valur tal-propjetajiet mirhuna jew minn unitajiet ta' livell għoli maħruġa mill-Fonds Communs de Créances Franċiż jew minn entitajiet ta' titolizzazzjoni ekwivalenti regolati mil-liġijiet ta' Stat Membru li jittitolizza l-espożizzjonijiet fuq proprjetà immobbli residenzjali. Fil-każ li unitajiet ta' livell għoli ta' dan it-tip jintużaw bħala garanzija, is-superviżjoni pubblika speċjali għall-protezzjoni tad-detenturi ta' bonds kif previst fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal- impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (*) għandha tiżgura li l-assi sottostanti għal unitajiet ta' dan it-tip għandhom, minn meta jiġu inklużi fir-raggruppament ta' kopertura, ikunu komposti għallinqas b'90 % ta' ipoteki residenzjali li huma mgħaqqda ma' kwalunkwe garanzija ta' sigurtà preċedenti sal-anqas mill-ammonti prinċipali dovuti taħt l-unitajiet, l-ammonti prinċipali tal-garanziji ta' sigurtà, u 80 % tal-valur tal-proprjetajiet mirhuna, li l-unitajiet jikkwalifikaw għall-ewwel pass ta' kwalità tal-kreditu kif stipulat fl-Anness u li l-unitajiet ta' dan it-tip ma jaqbżux l-20 % tal-ammont nominali tal-bonds maħruġa li għadhom pendenti.

L-espożizzjonijiet ikkawżati mit-trażmissjoni u l-immaniġġar tal-pagamenti tad-debituri, jew proċeduri ta' likwidazzjoni fir-rigward ta' self garantit minn proprjetajiet mirhuna tal-unitajiet ta' livell għoli jew it-titoli ta' dejn ma għandhomx ikunu involuti fil-kalkolu tal-limitu ta' 90 %;

(e) is-self garantit bi proprjetà immobbli kummerċjali jew ishma f'kumpaniji tad-djar Finlandiżi kif imsemmi fil-punt 52 sal-anqas mill-ammont prinċipali tal-garanziji ta' sigurtà li huma mgħaqqda ma' kull garanzija ta' sigurtà preċedenti u 60 % tal-valur tal-propjetajiet mirhuna jew minn unitajiet ta' livell għoli maħruġa mill-*Fonds Communs de Créances* Franċiż jew minn entitajiet ta' titolizzazzjoni ekwivalenti regolati mil-liġijiet ta' Stat Membru li jittitolizza l-espożizzjonijiet fuq proprjetà immobbli kummerċjali. Fil-każ li unitajiet ta' livell għoli ta' dan it-tip jintużaw bħala garanzija, is-superviżjoni pubblika speċjali għall-protezzjoni tad-detenturi ta' bonds kif previst fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE għandha tiżgura li l-assi sottostanti għal unitajiet ta' dan it-tip għandhom, minn meta jiġu inklużi fir-raggruppament ta' kopertura, ikunu komposti għallinqas b'90 % ta' ipoteki kummerċjali li huma mgħaqqda ma' kwalunkwe garanzija ta' sigurtà preċedenti sal-anqas mill-ammonti prinċipali dovuti taħt l-unitajiet, l-ammonti prinċipali tal-garanziji ta' sigurtà, u 60 % tal-valur tal-proprjetajiet mirhuna, li l-unitajiet jikkwalifikaw għall-ewwel pass ta' kwalità tal-kreditu kif stipulat fl-Anness u li l-unitajiet ta' dan it-tip ma jaqbżux l-20 % tal-ammont nominali tal-bonds maħruġa li għadhom pendenti.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikonoxxu s-self garanti minn proprjetà immobbli kummerċjali bħala eliġibbli meta l-proporzjon Self - għal - valur ta' 60 % jinqabeż sa livell massimu ta' 70 % jekk il-valur tal-assi totali mirhuna bħala garanzija għall-bonds koperti jaqbżu l-ammont nominali pendenti fuq il-bond kopert b'għallinqas 10 %, u r-rivendikazzjoni tad-detenturi tal-bonds tissodisfa r-rekwiżiti ta' ċertezza legali stipulati fl-Anness VIII. Ir-rivendikazzjoni tad-detenturi tal-bonds trid tieħu prijorità fuq kull rivendikazzjoni oħra fuq il-garanzija. L-espożizzjonijiet ikkawżati mit-trażmissjoni u l-immaniġġar tal-pagamenti tad-debituri, jew proċeduri ta' likwidazzjoni fir-rigward ta' self garantit minn proprjetajiet mirhuna tal-unitajiet ta' livell għoli jew it-titoli ta' dejn ma għandhomx ikunu involuti fil-kalkolu tal-limitu ta' 90 %;

(*) ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32.";

(ii) it-tielet paragrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Sal-31 ta' Diċembru 2013, il-limitu ta' 10 % għall-unitajiet ta' livell għoli maħruġa mill-Fonds Communs de Créances Franċiż jew minn entitajiet ta' titolizzazzjoni ekwivalenti kif speċifikat fil-punti (d) u (e) m' għandux japplika, sakemm:

(i) l-espożizzjonijiet fuq proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali titolizzati kienu oriġinati minn membru tal-istess grupp konsolidat li min ħareġ il-bonds koperti wkoll ikun membru tiegħu, jew minn entità affiljata mal-istess korp ċentrali li min ħareġ il-bonds koperti wkoll ikun affiljat miegħu (dik is-sħubija jew affiljazzjoni fi grupp komuni għandha tiġi stabbilita fil-waqt li l-unitajiet ta' livell għoli jsiru garanzija għall-bonds koperti); u

(ii) membru tal-istess grupp konsolidat li min ħareġ il-bonds koperti wkoll ikun membru tiegħu jew entità affiljata mal-istess korp ċentrali li min ħareġ il-bonds koperti wkoll ikun affiljat miegħu jżommu s-segment tal-ewwel telf sħiħ li jsostni dawk l-unitajiet ta' livell għoli.

Sal-31 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni għandha tirrivedi l-adegwatezza tad-deroga stipulata fit-tielet paragrafu u, jekk ikun rilevanti, l-adegwatezza tal-estensjoni ta' trattament simili għal kwalunkwe forma oħra ta' bonds koperti. Fid-dawl ta' dik ir-reviżjoni, il-Kummissjoni tista', jekk xieraq, tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 151a u suġġetta għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 151b u 151c biex testendi dan il-perjodu jew biex tagħmel din id-deroga permanenti jew biex testendiha għal forom oħra ta' bonds koperti.".

(3) Fl-Anness VII, il-punt 8(d) tat-Taqsima 1 tal-Parti 2 jinbidel b'dan li ġej:

"(d) Bonds koperti kif definit fl-Anness VI, Parti 1, punti 68 sa 70 jistgħu jiġu assenjati fuq valur LGD ta' 11,25 %;".

(4) L-Anness IX huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 1 tal-Parti 3, jiddaħħal il-punt li ġej:

"(c) Il-valutazzjoni tal-kreditu ma għandhiex tkun ibbażata jew parzjalment ibbażata fuq appoġġ mhux iffinanzjat ipprovdut mill-istituzzjoni ta' kreditu nnifisha. F'tali każ, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tikkunsidra l-pożizzjoni rilevanti bħallikieku ma kinitx klassifikata u għandha tapplika t-trattament rilevanti ta' pożizzjonijiet mhux klassifikati kif stabbilit fil-Parti 4.";

(b) il-Parti 4 hija emendata kif ġej:

(i) il-punt 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. Fejn istituzzjoni ta' kreditu jkollha żewġ pożizzjonijiet jew aktar sovrapposti f'titolizzazzjoni, din tkun obbligata sal-punt fejn dawn ikunu sovrapposti li, fil-kalkolu tagħha tal-ammonti tal-espożizzjonijiet peżati għar-riskju, tinkludi biss il-pożizzjoni jew porzjon mill-pożizzjoni li tipproduċi l-ammont ogħla tal-espożizzjoni peżata għar-riskju. L-istituzzjoni ta' kreditu tista' wkoll tirrikonoxxi tali dupplikazzjoni bejn l-allokazzjonijiet kapitali għal riskju speċifiku fil-ktieb tal-kummerċ u l-allokazzjonijiet kapitali għall-pożizzjonijiet fil-ktieb tal-bank, dment li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun tista' tikkalkula u tqabbel l-allokazzjonijiet kapitali għall-pożizzjonijiet rilevanti. Għall-iskop ta' dan il-punt 'duplikazzjoni' isseħħ meta l-pożizzjonijiet, jew kompletament jew parzjalment, jirrappreżentaw espożizzjoni għall-istess riskju b'tali mod li l-estensjoni tad-duplikazzjoni tirriżulta f'espożizzjoni unika.

Fejn il-punt 1(c) tal-Parti 3 japplika għall-pożizzjonijiet f'karti kummerċjali appoġġati mill-assi (ABCP), l-istituzzjoni ta' kreditu tista', suġġett għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, tuża l-piż tar-riskju assenjat lil faċilità tal-likwidità sabiex tikkalkula l-ammont ta' espożizzjoni peżata għar-riskju għall-ABCP jekk il-faċilità tal-likwidità hija ta' livell pari passu bħall-ABCP sabiex huma jiffurmaw pożizzjonijiet sovrapposti u 100 % tal-ABCP maħruġa mill-programm tkun koperta mill-faċilitajiet tal-likwidità.";

(ii) il-punt 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. Suġġett għall-punt 8, l-ammont ta' espożizzjoni peżata għar-riskju ta' pożizzjoni kklassifikata ta' titolizzazzjoni jew ritilolizzazzjoni għandha tiġi kkalkulata billi mal-valur tal-espożizzjoni jiġi applikat il-piż tar-riskju assoċjat mal-pass tal-kwalità tal-kreditu li l-valutazzjoni tal-kreditu ġiet stabbilita bħala assoċjata miegħu mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 98 kif stipulat fit-Tabella 1.";

(iii) it-Tabella 1 tinbidel b'din li ġejja:

"*Tabella 1*

| Pass tal-Kwalità tal-Kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 (għal valutazzjonijiet tal-kreditu biss li mhumiex valutazzjonijiet tal-kreditu fuq żmien qasir | il-passi l-oħrajn kollha tal-kwalità tal-kreditu |
|---|---|---|---|---|---|
| Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni | 20 % | 50 % | 100 % | 350 % | 1 250 % |
| Pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni | 40 % | 100 % | 225 % | 650 % | 1 250 %" |

(iv) it-Tabella 2 titħassar;

(v) il-punt 46 jinbidel b'dan li ġej:

"46. Bil-Metodu Bbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet, l-ammont ta' espożizzjoni peżata għar-riskju ta' pożizzjoni klassifikata ta' titolizzazzjoni jew rititolizzazzjoni għandu jiġi kkalkulat billi mal-valur tal-espożizzjoni jiġi applikat il-piż tar-riskju assoċjat mal-grad ta' kwalità tal-kreditu li l-valutazzjoni tal-kreditu ġiet stabbilita li hija assoċjata miegħu mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 98, kif stipulat fit-Tabella 4, immultiplikat b'1,06.";

(vi) it-Tabella 4 tinbidel b’din li ġejja:

“*Tabella 4*

| Pass tal-Kwalità tal-Kreditu | | Pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni | | | Pożizzjonijiet ta’ rititolizzazzjoni | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Valutazzjonijiet tal-kreditu li mhumiex fuq żmien qasir | Valutazzjonijiet tal-kreditu fuq żmien qasir | A | B | C | D | E |
| 1 | 1 | 7 % | 12 % | 20 % | 20 % | 30 % |
| 2 | | 8 % | 15 % | 25 % | 25 % | 40 % |
| 3 | | 10 % | 18 % | 35 % | 35 % | 50 % |
| 4 | 2 | 12 % | 20 % | | 40 % | 65 % |
| 5 | | 20 % | 35 % | | 60 % | 100 % |
| 6 | | 35 % | 50 % | | 100 % | 150 % |
| 7 | 3 | 60 % | 75 % | | 150 % | 225 % |
| 8 | | 100 % | | | 200 % | 350 % |
| 9 | | 250 % | | | 300 % | 500 % |
| 10 | | 425 % | | | 500 % | 650 % |
| 11 | | 650 % | | | 750 % | 850 % |
| l-oħrajn kollha u mhux ikklassifikati | | 1 250 %” | | | | |

(vii) it-Tabella 5 titħassar;

(viii) il-punt 47 jinbidel b’dan li ġej:

“47. Il-piżijiet fil-kolonna Ċ tat-tabella 4 għandhom jiġu applikati meta l-pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni ma tkunx pożizzjoni ta’ rititolizzazzjoni u meta n-numru effettiv ta’ espożizzjonijiet titolizzati jkun inqas minn sitta. Għall-bqija tal-pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni li mhumiex pożizzjonijiet ta’ rititolizzazzjoni, għandhom jiġu applikati l-piżijiet fil-kolonna B sakemm il-pożizzjoni ma tkunx fl-aktar segment superjuri ta’ titolizzazzjoni, f’liema każ għandhom jiġu applikati l-piżijiet fil-kolonna A. Għall-pożizzjonijiet ta’ rititolizzazzjoni għandhom jiġu applikati l-piżijiet fil-kolonna E sakemm il-pożizzjoni ta’ rititolizzazzjoni ma tkunx fl-aktar segment superjuri tar-rititolizzazzjoni u l-ebda waħda mill-espożizzjonijiet sottostanti ma tkun hija nnifisha espożizzjoni ta’ rititolizzazzjoni, f’liema każ għandha tiġi applikata l-kolonna D. Meta jkun qed jiġi stabbilit jekk segment ikunx l-aktar wieħed superjuri, mhuwiex meħtieġ li jiġu kkunsidrati l-ammonti dovuti taħt rati tal-imgħax jew kuntratti ta’ derivattivi tal-munita, imposti dovuti, jew ħlasijiet oħrajn simili.”;

(ix) il-punt 48 jitħassar:

(x) il-punt 49 jinbidel b’dan li ġej:

“49. Meta jiġi kkalkulat in-numru effettiv ta’ espożizzjonijiet titolizzati, espożizzjonijiet multipli lil debitur wieħed għandu jiġi ttrattat bħala espożizzjoni waħda. L-ammont effettiv ta’ espożizzjonijiet huwa kkalkulat bħala:

$$N = \frac{\left(\sum_i EAD_i\right)^2}{\sum_i EAD_i^2}$$

fejn $EAD_i$ jirrappreżenta t-total tal-valuri ta' espożizzjoni għall-espożizzjonijiet kollha sad-debitur i. Jekk is-sehem fil-portafoll assoċjat mal-akbar espożizzjoni, C1, ikun disponibbli, l-istituzzjoni ta' kreditu tista' tikkalkula N bħala 1/C1.";

(xi) il-punt 50 jitħassar;

(xii) il-punt 52 jinbidel b'dan li ġej:

"52. Suġġett għall-punti 58 u 59, skont il-Metodu tal-Formula Superviżorja, il-piż tar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni għandu jkun il-piż tar-riskju li għandu jiġi applikat skont il-punt 53. Madankollu, il-piż tar-riskju ma għandux ikun inqas minn 20 % għall-pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni u ma għandux ikun inqas minn 7 % għall-pożizzjonijiet l-oħrajn kollha ta' titolizzazzjoni.";

(xiii) fil-punt 53, is-sitt paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"N huwa n-numru effettiv ta' espożizzjonijiet ikkalkulat skont il-punt 49. Fil-każ tar-rititolizzazzjonijiet, l-istituzzjoni ta' kreditu trid tħares lejn in-numru ta' espożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-grupp u mhux lejn in-numru ta' espożizzjonijiet sottostanti fil-gruppi oriġinali li minnhom joħorġu l-espożizzjonijiet tat-titolizzazzjonijiet sottostanti.".

(5) L-Anness XII huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu jinbidel b'dan li ġej:

**"KRITERJI TEKNIĊI DWAR IT-TRASPARENZA U L-IŻVELAR";**

(b) il-Parti 2 hija emedata kif ġej:

(i) il-punti 9 u 10 jinbidlu b'dan li ġej:

"9. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkalkulaw ir-rekwiżiti kapitali tagħhom skont il-punti (b) u (c) tal-Artikolu 75 għandhom jiżvelaw dawk ir-rekwiżiti separatament għal kull riskju li hemm referenza għalih f'dawk id-dispożizzjonijiet. Barra minn hekk, ir-rekwiżit kapitali għar-riskju speċifiku tar-rata tal-imgħax ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni għandu jiġi żvelat separatament.

10. L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi żvelata minn kull istituzzjoni ta' kreditu li tikkalkula r-rekwiżiti kapitali tagħha skont l-Anness V tad-Direttiva 2006/49/KE:

(a) għal kull sottoportafoll kopert:

(i) il-karatteristiċi tal-mudelli użati;

(ii) għall-allokazzjonijiet kapitali skont il-punt 5a u punt 51 tal-Anness V, separatament tad-Direttiva 2006/49/KE, il-metodoloġiji użati u r-riskji mkejla bl-użu ta' mudell intern fosthom deskrizzjoni tal-approċċ użat mill-istituzzjoni ta' kreditu sabiex tistabbilixxi l-orizzonti tal-likwidità, il-metodoloġiji użati sabiex tinkiseb valutazzjoni kapitali li tkun konsistenti mal-istandard meħtieġ ta' affidabbiltà u l-approċċi użati fil-validazzjoni tal-mudell;

(iii) deskrizzjoni tat-testijiet tat-tensjoni applikati għas-sottoportafoll;

(iv) deskrizzjoni tal-approċċi użati għall-ittestjar b'lura u għall-validazzjoni tal-preċiżjoni u l-konsistenza tal-mudelli interni u l-proċessi tal-immudellar;

(b) l-ambitu ta' aċċettazzjoni mill-awtorità kompetenti;

(ċ) deskrizzjoni tal-firxa u l-metodoloġiji għall-konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-Parti B tal-Anness VII tad-Direttiva 2006/49/KE;

(d) l-ogħla, l-inqas u l-medja ta' dawn li ġejjin:

(i) il-kejl ta' kuljum tal-valur fir-riskju tul il-perjodu tar-rappurtar u fl-aħħar tal-perjodu;

(ii) il-kejl tal-valur fir-riskju taħt tensjoni tul il-perjodu tar-rappurtar u fl-aħħar tal-perjodu;

(iii) l-allokazzjonijiet kapitali skont il-punt 5a u punt 51 tal-Anness V separatament tad-Direttiva 2006/49/KE matul il-perjodu tar-rappurtar u fi tmiem il-perjodu;

(e) l-ammont tal-kapital skont il-punt 5a u punt 51 tal-Anness V separatament tad-Direttiva 2006/49/KE, flimkien mal-orizzont medju peżat ta' likwidità għal kull sottoportafoll kopert;

(f) paragun tal-kejl fit-tmiem tal-ġurnata kuljum tal-valur fir-riskju mal-bidliet ta' ġurnata waħda fil-valur tal-portafoll sal-aħħar tal-ġurnata tan-negozju suċċessiva flimkien ma' analiżi ta' kwalunkwe qbiż importanti ta' dan il-kejl fil-perjodu tar-rappurtar.";

(ii) il-punt 14 jinbidel b'dan li ġej:

"14. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkalkulaw l-ammonti ta' espożizzjoni peżati mar-riskju skont l-Artikoli 94 sa 101 jew ir-rekwiżiti kapitali skont il-punt 16a tal-Anness I tad-Direttiva 2006/49/KE għandhom jiżvelaw l-informazzjoni segwenti, fejn ikun rilevanti, b'mod separat għall-ktieb tal-kummerċ u għall-ktieb mhux tal-kummerċ tagħhom:

(a) deskrizzjoni tal-għanijiet tal-istituzzjoni ta' kreditu b'rabta mal-attività tat-titolizzazzjoni;

(b) in-natura ta' riskji oħrajn fosthom ir-riskju tal-likwidità inerenti fl-assi titolizzati;

(ċ) it-tip ta' riskji f'termini tas-superjorità tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni sottostanti u f'termini tal-assi li fuqhom huma bbażati dawn l-aħħar pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mibdija u miżmuma mal-attività ta' rititolizzazzjoni;

(d) l-irwoli differenti tal-istituzzjoni ta' kreditu fil-proċess ta' titolizzazzjoni;

(e) indikazzjoni tal-livell ta' involvement tal-istituzzjoni ta' kreditu f'kull wieħed mill-irwoli msemmija fil-punt (d);

(f) deskrizzjoni tal-proċessi fis-seħħ sabiex jiġu mmonitorjati l-bidliet fir-riskju tal-kreditu u tas-suq tal-espożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni fosthom, kif l-imġiba tal-assi sottostanti taffettwa l-espożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni u b'liema mod dawn il-proċessi huma differenti għall-espożizzjonijiet tar-rititolizzazzjonijet;

(g) deskrizzjoni tal-politika tal-istituzzjoni ta' kreditu li tirregola l-użu tal-hedging u l-protezzjoni mhux iffinanzjata sabiex ittaffi r-riskji tal-espożizzjonijiet tat-titolizzazzjonijiet u r-rititolizzazzjonijiet miżmuma, inkluża l-identifikazzjoni tal-kontropartijiet fil-hedge materjali skont it-tip rilevanti ta' espożizzjoni għar-riskju;

(h) l-approċċi sabiex jiġu kkalkulati l-ammonti ta' espożizzjoni peżati mar-riskju li l-istituzzjoni ta' kreditu ssegwi għall-attivitajiet tagħha ta' titolizzazzjoni, fosthom it-tipi ta' espożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li għalihom japplika kull approċċ;

(i) it-tipi ta' SSPEs li l-istituzzjoni ta' kreditu, bħala sponsor, tuża sabiex tittitolizza espożizzjonijiet ta' partijiet terzi fosthom jekk u f'liema forma u safejn l-istituzzjoni ta' kreditu għandha espożizzjonijiet għal dawn is-SSPEs, separatament għall-espożizzjonijiet fuq il-karta tal-bilanċ kif ukoll mhux fuq il-karta tal-bilanċ, kif ukoll lista tal-entitajiet li l-istituzzjoni ta' kreditu timmaniġġa jew tagħti parir u li jinvestu jew fil-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun ittitolizzat jew fl-SSPEs li l-istituzzjoni ta' kreditu tisponsorja;

(j) sommarju tal-politika dwar il-kontabbiltà tal-istituzzjoni ta' kreditu għall-attivitajiet ta' titolizzazzjoni, fosthom:

(i) jekk it-tranżazzjonijiet humiex ittrattati bħala bejgħ jew iffinanzjar;

(ii) ir-rikonoxximent tal-qligħ fuq il-bejgħ;

(iii) il-metodi, s-suppożizzjonijiet prinċipali, u l-inputs u t-tibdil mill-perjodu preċedenti għall-istima tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni;

(iv) it-trattament ta' titolizzazzjonijiet sintetiċi jekk dan ma jkunx kopert minn linji politiċi oħrajn dwar il-kontabbiltà;

(v) kif inhuma stimati l-assi li qed jistennew it-titolizzazzjoni u jekk dawn jiġux irreġistrati fil-ktieb tal-kummerċ jew fil-ktieb mhux tal-kummerċ tal-istituzzjoni ta' kreditu;

(vi) il-politika sabiex jiġu rrikonoxxuti obbligi fuq il-karta tal-bilanċ għal arranġamenti li jistgħu jeħtieġu lill-istituzzjoni ta' kreditu li tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-assi titolizzati;

(k) l-ismijiet tal-ECAIs użati għat-titolizzazzjonijiet u t-tipi ta' espożizzjoni li għalihom tintuża kull aġenzija;

(l) fejn applikabbli, deskrizzjoni tal-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna kif stipulat fil-Parti 4 tal-Anness IX, fosthom l-istruttura tal-proċess ta' valutazzjoni interna u r-relazzjoni bejn il-valutazzjoni interna u l-klassifikazzjonijiet esterni, l-użu tal-valutazzjoni interna għal finijiet oħra mhux kapitali IAA, il-mekkaniżmi ta' kontroll għall-proċess ta' valutazzjoni interna fosthom diskussjoni tal-indipendenza, il-kontabbiltà, u reviżjoni tal-proċess ta' valutazzjoni interna, it-tipi ta' espożizzjoni li għalihom jiġi applikat il-proċess ta' valutazzjoni interna u l-fatturi ta' tensjoni li jintużaw sabiex jiġu stabbiliti livelli ta' titjib tal-kreditu, skont it-tip ta' espożizzjoni;

(m) spjegazzjoni ta' bidliet sinifikanti f'xi żvelar kwantitattiv fil-punti (n) sa (q) mill-aħħar perjodu tar-rappurtar;

(n) b'mod separat għall-ktieb tal-kummerċ u għall-ktieb mhux tal-kummerċ, l-informazzjoni segwenti tinqasam skont it-tip ta' espożizzjoni:

(i) l-ammont totali ta' espożizzjonijiet pendenti titolizzati mill-istituzzjoni ta' kreditu, separatament għal titolizzazzjonijiet tradizzjonali u sintetiċi u titolizzazzjonijiet li għalihom l-istituzzjoni taġixxi biss bħala sponsor;

(ii) l-ammont aggregat ta' pożizzjonijet ta' titolizzazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ miżmuma jew mixtrija u espożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mhux fuq il-karta tal-bilanċ;

(iii) l-ammont aggregat ta' assi li qed jistennew titolizzazzjoni;

(iv) għal faċilitajiet titolizzati suġġetti għal trattament ta' ammortizzazzjoni bikrija, l-espożizzjonijiet aggregati miġbuda attribwiti għall-interessi tal-oriġinatur u tal-investituri rispettivament, ir-rekwiżiti kapitali aggregati mġarrba mill-istituzzjoni ta' kreditu kontra l-interessi tal-oriġinatur u r-rekwiżiti kapitali aggregati li tagħmel l-istituzzjoni ta' kreditu kontra l-ishma tal-investitur ta' bilanċi miġbuda u linji mhux miġbuda;

(v) l-ammont ta' pożizzjonijet ta' titolizzazzjoni li jitnaqqsu mill-fondi proprji jew peżati għar-riskju b'1 250 %;

(vi) sommarju tal-attività ta' titolizzazzjoni tal-perijodu attwali, inkluż l-ammont ta' espożizzjonijiet titolizzati u l-profitt jew it-telf rikonoxxut mal-bejgħ;

(o) separatament għall-ktieb tal-kummerċ u għall-ktieb mhux tal-kummerċ, l-informazzjoni segwenti:

(i) l-ammont aggregat ta' pożizzjonijet ta' titolizzazzjoni miżmuma jew mixtrija u r-rekwiżiti kapitali assoċjati, imqassma bejn espożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u espożizzjonijiet ta' ritittolizzazzjoni u mqassmin ulterjorment f'numru sinifikanti ta' faxex ta' piż tar-riskju jew rekwiżiti kapitali, għal kull approċċ użat għar-rekwiżiti kapitali;

(ii) l-ammont aggregat ta' espożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni miżmuma jew mixtrija, imqassmin skont l-espożizzjoni qabel u wara hedging/assigurazzjoni u l-espożizzjoni għal garanti finanzjarji, imqassmin skont il-kategoriji tal-livell ta' affidabbiltà ta' kreditu tal-garanti jew l-isem tal-garanti;

(p) fil-każ tal-ktieb mhux tal-kummerċ u rigward l-espożizzjonijiet titolizzati mill-istituzzjoni ta' kreditu, l-ammont ta' assi preġudikati/dovuti fl-imgħoddi titolizzati u t-telf rikonoxxut mill-istituzzjoni ta' kreditu matul il-perjodu attwali, it-tnejn imqassmin skont it-tip ta' espożizzjoni;

(q) għall-ktieb tal-kummerċ, l-espożizzjonijiet pendenti kollha titolizzati mill-istituzzjoni ta' kreditu u suġġetti għal rekwiżit kapitali għar-riskju tas-suq, imqassmin fi tradizzjonali/sintetiċi u skont it-tip ta' espożizzjoni.";

(iii) jiddaħħal il-punt segwenti:

"15. Għandha tiġi żvelata lill-pubbliku l-informazzjoni li ġejja, inklużi aġġornamenti regolari tal-anqas annwali, dwar il-politika u l-prattiċi tar-rimunerazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu għal dawk il-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħha:

(a) informazzjoni dwar il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jintuża sabiex tiġi stabbilita l-politika dwar ir-rimunerazzjoni, fosthom fejn applikabbli, informazzjoni dwar il-kompożizzjoni u l-mandat ta' kumitat għar-rimunerazzjoni, il-konsulent estern li s-servizzi tiegħu ntużaw biex tiġi stabbilita l-politika dwar ir-rimunerazzjoni u r-rwol tal-partijiet interessati rilevanti;

(b) informazzjoni dwar ir-rabta bejn ir-rimunerazzjoni u l-prestazzjoni;

(ċ) il-karatterestiċi l-aktar importanti tat-tfassil tas-sistema tar-rimunerazzjoni, inklużi informazzjoni dwar il-kriterji użati għall-kejl tal-prestazzjoni u l-aġġustament tar-riskju, il-politika ta' differiment u l-kriterji għall-vestiment;

(d) informazzjoni dwar il-kriterji tal-prestazzjoni li fuqhom huwa bbażat id-dritt għal ishma, opzjonijiet jew komponenti varjabbli tar-rimunerazzjoni;

(e) il-parametri u l-ġustifikazzjoni prinċipali għal kwalunkwe skema ta' komponent varjabbli u kull benefiċċju ieħor mhux fi flus kontanti;

(f) informazzjoni kwantitattiva aggregata dwar ir-rimunerazzjoni, analizzata skont il-qasam ta' negozju;

(g) informazzjoni kwantitattiva aggregata dwar ir-rimunerazzjoni, analizzata skont il-maniġers ta' livell għoli u l-membri tal-persunal li l-azzjonijiet tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu, li tindika dan li ġej:

(i) l-ammonti ta' rimunerazzjoni għas-sena finanzjarja, imqassma f'rimunerazzjoni fissa u varjabbli, u n-numru ta' benefiċjarji;

(ii) l-ammonti u forma tar-rimunerazzjoni, imqassma fi flus kontanti, ishma u strumenti marbutin ma' ishma u oħrajn;

(iii) l-ammonti ta' rimunerazzjoni differita pendenti, maqsuma f'porzjonijiet vestiti u mhux vestiti;

(iv) l-ammonti ta' rimunerazzjoni diferita mogħtija matul is-sena finanzjarja, imħallsa u mnaqqsa permezz ta' aġġustamenti ta' prestazzjoni;

(v) ħlasijiet għal kuntratti ġodda u għal terminazzjonijiet li jsiru matul is-sena finanzjarja, u n-numru ta' benefiċjarji ta' dawn il-ħlasijiet; u

(vi) l-ammonti ta' ħlasijiet għal terminazzjonijiet mogħtija matul is-sena finanzjarja, in-numru ta' benefiċjarji u l-ogħla għotja ta' dan it-tip lil persuna waħda.

Fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma sinifikanti fid-daqs u l-organizzazzjoni interna taghhom u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet taghhom, l-informazzjoni kwantitattiva msemmija f'dan il-punt ghandha wkoll issir disponibbli lill-pubbliku fil-livell ta' persuni li effettivament imexxu n-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu fis-sens tal-Artikolu 11(1).

L-istituzzjonijiet ta' kreditu ghandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati f'dan il-punt b'mod li jkun xieraq ghad-daqs u l-organizzazzjoni interna taghhom u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet taghhom u li jkun bla ħsara ghad-Direttiva 95/46/KE.".

*ANNESS II*

L-Annessi I, II, V u VII tad-Direttiva 2006/49/KE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 8 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, il-parti introduttorja tinbidel b'dan li ġej:

"8. Meta jiġi kkalkulat ir-rekwiżit kapitali għar-riskju tas-suq tal-parti li tassumi r-riskju tal-kreditu (il-'bejjiegħ ta' protezzjoni), ħlief jekk speċifikat b'mod differenti, l-ammont spekulattiv tal-kuntratt ta' kreditu spekulattiv għandu jintuża. Minkejja l-ewwel sentenza, l-istituzzjoni tista' tagħżel li tissostitwixxi l-valur nozzjonali bi tnaqqis tat-tibdiliet fil-valur tas-suq mill-bidu tan-negozju tad-derivattiv ta' kreditu. Għall-fini tal-kalkolu tal-ħlas għar-risku speċifiku, għajr għal bdil komplet, il-maturità tal-kuntratt ta' kreditu derivattiv għandu japplika minflok il-maturità tal-obbligu. Pożizzjonijiet huma determinati kif ġej:";

(ii) fil-punt (v), it-tielet paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Fejn derivattiv tal-kreditu 'n-th-to-default' huwa kklassifikat esternament, il-bejjiegħ tal-protezzjoni għandu jikkalkula l-allokazzjoni kapitali għal riskju speċifiku bl-użu tal-klassifikazzjoni tad-derivattiva u japplika l-piżijiet rispettivi tar-riskju għal titolizzazzjoni kif applikabbli.";

(b) fil-punt 14, l-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"14. L-istituzzjoni għandha tassenja l-pożizzjonijiet netti tagħha fil-ktieb tal-kummerċ fi strumenti li mhumiex pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kif ikkalkulat skont il-punt 1 għall-kategoriji xierqa fit-Tabella 1 fuq il-bażi tal-emittent/debitur tagħhom, il-valutazzjoni esterna jew interna, u l-maturità residwa, u mbagħad timmultiplikahom bil-piżijiet murija f'dik it-tabella. Hija għandha tgħodd flimkien il-pożizzjonijiet peżati tagħha li joħorġu mill-applikazzjoni ta' dan il-punt (irrispettivament minn jekk ikunux twal jew qosra) sabiex tikkalkula r-rekwiżit kapitali tagħha kontra riskju speċifiku. Għandha tikkalkola r-rekwiżit ta' kapital tagħha kontra r-riskju speċifiku għal pożizzjonijiet li huma pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni f'konformità mal-punt 16a.

Għall-finijiet ta' dan il-punt u l-punti 14a u 16a, l-istituzzjoni tista' tistabbilixxi livell massimu għall-prodott tal-piż u tal-pożizzjoni netta fit-telfa massima possibbli relatat mar-riskju li ma jsirx ħlas lura. Għal pożizzjoni ta' riskju qasir, dak il-limitu jista' jiġi kkalkulat bħala bidla fil-valur minħabba li l-ismijiet sottostanti immedjatament isiru ħielsa mir-riskju li ma jsirx ħlas lura.";

(ċ) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"14a. B'deroga mill-punt 14, istituzzjoni tista' tistabbilixxi l-akbar mill-ammonti li ġejjin bħala l-allokazzjoni kapitali għal riskju speċifiku għall-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni:

(a) l-allokazzjonijiet kapitali għal riskju speċifiku li jkunu japplikaw biss għall-pożizzjonijiet twal netti tal-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni;

(b) l-allokazzjonijiet kapitali għal riskju speċifiku totali li jkunu japplikaw biss għall-pożizzjonijiet qosra netti tal-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni.

14b. Il-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni għandu jikkonsisti minn pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u derivattivi tal-kreditu 'nth-to-default' li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

(a) il-pożizzjonijiet la jkunu pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni, la opzjonijiet fuq segment ta' titolizzazzjoni, u lanqas kwalunkwe derivattiva oħra ta' espożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li ma tipprovdix sehem pro-rata fir-rikavati ta' segment ta' titolizzazzjoni; u

(b) l-istrumenti kollha ta' referenza huma jew strumenti b'isem wieħed, inklużi derivattivi tal-kreditu b'isem wieħed li għalihom jeżisti suq likwidu bidirezzjonali jonkella indiċijiet negozjati spiss ibbażati fuq dawk l-entitajiet ta' referenza. Suq f'żewġ direzzjonijiet jitqies li jkun jeżisti fejn ikun hemm offerti indipendenti u bona fide għax-xiri u l-bejgħ sabiex prezz li jkun marbut b'mod raġonevoli mal-aħħar prezz tal-bejgħ jew mal-kwotazzjonijiet attwali għall-offerti li jkunu kompetittivi u bona fide jkun jista' jiġi stabbilit fi żmien ġurnata u jitħallas b'dan il-prezz fi żmien relattivament qasir f'konformità mal-prattika tan-negozju.

14c. Il-pożizzjonijiet li jirriferu għal kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin ma jistgħux ikunu parti mill-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni:

(a) sottostanti li tista' tiġi assenjata għall-klassijiet ta' espożizzjoni msemmija fl-Artikolu 79(1), (i) u (h) tad-Direttiva 2006/48/KE fil-ktieb mhux tal-kummerċ ta' istituzzjoni; jew

(b) pretensjoni fuq entità bi skop speċjali.

Istituzzjoni tista' tinkludi fil-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni, pożizzjonijiet li la huma pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u lanqas derivattivi tal-kreditu 'nth-to-default' iżda li jiħheġġjaw pożizzjonijiet oħra ta' dak il-portafoll, sakemm ikun jeżisti suq likwidu bidirezzjonali kif deskritt fil-punt 14b(b) għall-istrument jew is-sottostanti tiegħu.";

(d) jiddaħħal il-punt li ġej:

"16a. Għal strumenti fil-ktieb tal-kummerċ li huma pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, l-istituzzjoni għandha tippiża l-pożizzjonijiet netti tagħha kif ikkalkolati skont il-punt 1 ma' li ġej:

(a) għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jkunu suġġetti għall-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu fil-ktieb mhux tal-kummerċ tal-istess istituzzjoni, 8 % tal-piż tar-riskju skont l-Approċċ Standardizzat kif stipulat fil-Parti 4 tal-Anness IX tad-Direttiva 2006/48/KE;

(b) għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jkunu suġġetti għall-Approċċ Ibbażat fuq Klassifkazzjonijiet Interni fil-kotba mhux tal-kummerċ tal-istess istituzzjoni, 8 % tal-piż tar-riskju skont l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifkazzjonijiet Interni kif stipulat fil-Parti 4 tal-Anness IX tad-Direttiva 2006/48/KE;

Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), il-Metodu tal-Formula Superviżorja jista' jintuża biss bl-approvazzjoni superviżorja minn istituzzjonijiet li ma jkunux istituzzjonijiet oriġinaturi li jistgħu japplikawh għall-istess pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fil-ktieb mhux tal-kummerċ tagħhom. Fejn ikun rilevanti, estimi tal-PD u l-LGD bħala inputs għall-Metodu tal-Formula Superviżorja għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikoli 84 sa 89 tad-Direttiva 2006/48/KE jew alternattivament u suġġett għal approvazzjoni superviżorja separata, ibbażata fuq estimi li jkunu derivati minn approċċ kif stabbilit fil-punt 5a tal-Anness V u li jkunu konformi mal-istandards kwantittativi għall-Approċċ Ibbażat fuq Klassifkazzjonijiet Interni, il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jistabbilixxi linji gwida sabiex jiżgura użu konverġenti tal-estimi tal-PD u l-LGD bħala inputs meta dawk l-estimi jkunu bbażati fuq l-approċċ stabbilit fil-punt 5a tal-Anness V;

Minkejja l-paragrafi (a) u (b), għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jkunu suġġetti għal piż ta' riskju skont l-Artikolu 122(a) tad-Direttiva 2006/48/KE jekk ikunu fil-ktieb mhux tal-kummerċ tal-istess istituzzjoni, għandu jkun applikat persentaġġ ta' 8 % tal-ammont ta' espożizzjoni peżata għar-riskju skont dak l-Artikolu.

L-istituzzjoni għandha tgħodd flimkien il-pożizzjonijiet peżati tagħha li joħorġu mill-applikazzjoni ta' dan il-punt (irrispettivament minn jekk ikunux twal jew qosra) sabiex tikkalkula r-rekwiżit kapitali tagħha kontra riskju speċifiku.

B'deroga mir-raba' paragrafu għal perjodu tranżizzjonali li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013, l-istituzzjoni għandha tagħmel somma separatament tal-pożizzjonijiet twal peżati netti tagħha u tal-pożizzjonijiet qosra peżati netti tagħha. L-akbar minn dawn is-somom għandha tikkostitwixxi r-rekwiżit ta' kapital għar-riskju speċifiku. Matul dan il-perjodu tranżizzjonali, l-istituzzjoni għandha madankollu tirrapporta lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħha s-somma tal-pożizzjonijiet twal peżati netti tagħha u l-pożizzjonijiet qosra peżati netti tagħha, analizzati skont it-tipi ta' assi sottostanti.";

(e) il-punt 34 jinbidel b'dan li ġej:

"34. L-istituzzjoni għandha tgħodd flimkien il-pożizzjonijiet twal netti kollha tagħha u l-pożizzjonijiet qosra netti kollha tagħha skont il-punt 1. Hija għandha timmultiplika l-pożizzjoni grossa globali tagħha bi 8 % sabiex tikkalkula r-rekwiżit kapitali tagħha kontra riskju speċifiku.";

(f) il-punt 35 jitħassar.

(2) Fl-Anness II, it-tieni paragrafu tal-punt 7 jinbidel b'dan li ġej:

"Madankollu, fil-każ ta' tpartit ta' inadempjenza tal-kreditu, istituzzjoni li l-espożizzjoni tagħha li tirriżulta mit-tpartit tirrappreżenta pożizzjoni twila fis-sottostanti għandha tkun permessa li tuża ċifra ta' 0 % għal espożizzjoni potenzjali futura ta' kreditu, sakemm il-bdil tal-inadempjenza tal-kreditu ma jkunx suġġett għal bejgħ mal-insolvenza tal-entità li l-espożizzjoni tagħha li tirriżulta mill-bdil tirrapreżenta pożizzjoni qasira fis-sottostanti, anki jekk is-sottostanti ma jkunx wettaq inadempjenza, f'liema każ iċ-ċifra għall-espożizzjoni potenzjali futura ta' kreditu tal-istituzzjoni għandha tkun limitata għall-ammont ta' primjums li jkunu għadhom ma tħallsux mill-entità lill-istituzzjoni.".

(3) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness, jippermettu lill-istituzzjonijiet jikkalkulaw ir-rekwiżiti kapitali tagħhom għar-riskju tal-pożizzjoni, ir-riskju tal-kambju u/jew ir-riskju tal-komoditajiet billi jużaw il-mudelli interni tagħhom stess għall-immaniġġar tar-riskji minflok jew f'kombinazzjoni mal-metodi deskritti fl-Annessi I, III u IV. Ir-rikonoxximent espliċitu mill-awtoritajiet kompetenti tal-użu tal-mudelli għal skopijiet kapitali superviżorji għandu jkun meħtieġ f'kull każ.";

(b) fil-punt 4, it-tieni paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżaminaw il-ħila tal-istituzzjoni li twettaq ittestjar b'lura fuq bidliet kemm attwali kif ukoll ipotetiċi fil-valur tal-portafoll. L-ittestjar b'lura fuq bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll huwa bbażat fuq paragun bejn il-valur tal-portafoll fi tmiem il-ġurnata u, jekk wieħed jassumi pożizzjonijiet mhux mibdula, il-valur tiegħu fit-tmiem tal-ġurnata suċċessiva. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet jieħdu miżuri xierqa sabiex itejbu l-programm tagħhom ta' ttestjar b'lura jekk dan jitqies bħala defiċjenti. Bħala minimu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu lill-istituzzjonijiet iwettqu testijiet b'lura fuq riżultati ipotetiċi (billi jużaw bidliet fil-valur tal-portafoll li kienu jseħħu kieku l-pożizzjonijiet fit-tmiem tal-ġurnata kellhom jibqgħu l-istess).";

(ċ) il-punt 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. Għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali għal riskju speċifiku assoċjat ma' dejn innegozjat u pożizzjonijiet ta' ekwità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikonoxxu l-użu ta' mudell intern tal-istituzzjoni jekk, minbarra li jikkonforma mal-kundizzjonijiet fil-bqija ta' dan l-Anness, il-mudell intern jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jispjega l-varjazzjoni storika tal-prezzijiet fil-portafoll;

(b) jaqbad il-konċentrazzjoni f'termini ta' sinifikat u l-bidliet fil-kompożizzjoni tal-portafoll;

(ċ) jiflaħ għal ambjent avvers;

(d) ikun ivvalidat permezz ta' ttestjar b'lura mmirat sabiex jivvaluta jekk ir-riskju speċifiku jkunx qed jiġi kopert b'mod preċiż. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jippermettu li dan l-ittestjar b'lura jsir fuq il-bażi ta' sottoportafolji rilevanti, dawn iridu jintgħażlu b'mod konsistenti;

(e) jaqbad riskju ta' bażi relatat mal-isem, jiġifieri l-istituzzjonijiet għandhom juru li l-mudell intern huwa sensittiv għad-differenzi idjosinkratiċi materjali bejn pożizzjonijiet simili iżda mhux identiċi;

(f) jaqbad ir-riskju mill-avvenimenti.

Il-mudell intern tal-istituzzjoni għandu jivvaluta b'mod konservattiv ir-riskju li jirriżulta minn pożizzjonijiet inqas likwidi u pożizzjonijiet bi trasparenza limitata tal-prezzijiet f'xenarji realistiċi tas-suq. Barra minn hekk, il-mudell intern għandu jissodisfa standards minimi dwar id-data. L-indikaturi għandhom ikunu konservattivi b'mod adegwat u jistgħu jintużaw biss meta d-data disponibbli ma tkunx suffiċjenti jew ma tkunx tirrifletti l-volatilità vera ta' pożizzjoni jew ta' portafoll.

Istituzzjoni tista' tagħżel li teskludi mill-kalkolu tar-rekwiżit kapitali tagħha għal riskju speċifiku billi tuża mudell intern, dawk il-pożizzjonijiet f'titolizzazzjonijiet jew derivattivi tal-kreditu 'n-th-to-default' li għalihom hija tissodisfa rekwiżit kapitali għal riskji tal-pożizzjoni skont l-Anness I bl-eċċezzjoni ta' dawk il-pożizzjonijiet li huma suġġetti għall-approċċ stabbilit fil-punt 51.

Hekk kif jiżviluppaw metodi tekniċi u prattiċi tajba, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu użu minn dawk it-tekniki u prattiċi tajba.

Istituzzjoni ma għandhiex tkun obbligata li taqbad ir-riskji li ma jsirx ħlas lura u r-riskji ta' migrazzjoni għall-istrumenti ta' dejn ikkumerċjat fil-mudell intern tagħhom meta tkun qed taqbad dawn ir-riskji permezz tar-rekwiżiti stipulati fil-punti 5a sa 5k.";

(d) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"5a. L-istituzzjonijiet suġġetti għall-punt 5 għal strumenti tad-dejn negozjat għandhom ikollhom approċċ fis-seħħ sabiex jaqbad, fil-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali tagħhom, ir-riskji ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni tal-pożizzjonijiet fil-ktieb tal-kummerċ tagħhom li huma inkrementali mar-riskji koperti mill-kejl tal-valur fir-riskju kif speċifikat fil-punt 5. Istituzzjoni għandha turi li l-approċċ tagħha jissodisfa standards ta' affidabbiltà komparabbli mal-approċċ stipulat fl-Artikoli 84 sa 89 tad-Direttiva 2006/48/KE, bis-suppożizzjoni ta' livell kostanti ta' riskju, u aġġustat fejn meħtieġ sabiex jirrifletti l-impatt tal-likwidità, il-konċentrazzjonijiet, l-hedging u l-opzjonalità.

**Ambitu**

5b. L-approċċ sabiex jinqabdu r-riskji inkrimentali ta' inadempjenza u migrazzjoni għandu jkopri l-pożizzjonijiet kollha suġġetti għal allokazzjoni kapitali għar-riskju speċifiku tar-rata tal-imgħax iżda ma għandux ikopri pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u derivattivi tal-kreditu 'n-th-to-default'. Suġġett għall-approvazzjoni superviżorja, l-istituzzjoni tista' tagħżel li tinkludi b'mod konsistenti, il-pożizzjonijiet kollha kwotati ta' ekwità u l-pożizzjonijiet derivattivi fuq il-bażi tal-ekwitajiet kwotati li għalihom tali inklużjoni tkun konsistenti mal-mod kif l-istituzzjoni tkejjel u timmaniġġa internament ir-riskju. L-approċċ għandu jirrifletti l-impatt tal-korrelazzjonijiet bejn l-avvenimenti ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni. L-impatt tad-diversifikazzjoni bejn, minn naħa waħda, l-avvenimenti ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni, u min-naħa l-oħra, fatturi oħrajn ta' riskju tas-suq, m'għandux ikun rifless.

**Parametri**

5c. L-approċċ sabiex jinqabdu r-riskji inkrementali għandu jkejjel it-telf minħabba l-inadempjenza u l-migrazzjoni interna jew esterna tal-klassifikazzjoni fl-intervall ta' fiduċja ta' 99,9 % fuq orizzont kapitali ta' sena.

Is-suppożizzjonijiet dwar il-korrelazzjoni għandhom ikunu sostnuti b'analiżi ta' data oġġettiva f'qafas li jkun kunċettwalment sod. L-approċċ sabiex jinqabdu r-riskji inkrementali għandu jirrifletti sewwa l-konċentrazzjonijiet tal-emittenti. Konċentrazzjonijiet li jistgħu jinħolqu fi klassi waħda ta' prodotti jew aktar taħt kundizzjonijiet ta' tensjoni għandhom jiġu riflessi ukoll.L-approċċ għandu jkun ibbażat fuq is-suppożizzjoni ta' livell kostanti ta' riskju matul l-orizzont ta' sena, li jimplika li pożizzjonijiet individwali partikolari fil-ktieb tal-kummerċ jew settijiet ta' pożizzjonijiet li jkunu esperjenzaw inadempjenza jew migrazzjoni matul l-orizzont tagħhom tal-likwidità jerġgħu jiġu bbilanċjati fl-aħħar tal-orizzont tagħhom tal-likwidità sabiex jinkiseb il-livell ta' riskju inizjali. Inkella, istituzzjoni tista' tagħżel li tuża b'mod konsistenti suppożizzjoni ta' pożizzjoni kostanti għal sena.

5d. L-orizzonti tal-likwidità għandhom jiġu stabbiliti skont iż-żmien meħtieġ sabiex tinbiegħ il-pożizzjoni jew biex jiġu hedged r-riskji materjali kollha tal-prezzijiet rilevanti f'suq taħt tensjoni, billi jiġi kkunsidrat partikolarment id-daqs tal-pożizzjoni. L-orizzonti tal-likwidità għandhom jirriflettu l-prattika u l-esperjenza attwali matul perjodi ta' tensjonijiet kemm sistematiċi kif ukoll idjosinkratiċi. L-orizzont tal-likwidità għandu jitkejjel b'suppożizzjonijiet konservattivi u għandu jkun suffiċjentement twil li l-att tal-bejgħ jew tal-hedging, fih innifsu, ma jaffettwax materjalment il-prezz li bih isir il-bejgħ jew il-hedging.

Id-determinazzjoni tal-orizzont xieraq tal-likwidità għal pożizzjonijiet jew għal sett ta' pożizzjonijiet huwa suġġett għal minimu ta' tliet xhur.

Id-determinazzjoni tal-orizzont xieraq tal-likwidità għal pożizzjoni jew għal sett ta' pożizzjonijiet għandu jikkunsidra l-linji politiċi interni ta' istituzzjoni b'rabta mal-aġġustamenti tal-valutazzjoni u l-immaniġġar ta' pożizzjonijiet reqdin. Meta istituzzjoni tiddetermina orizzonti tal-kwalità għal settijiet ta' pożizzjonijiet pjuttost milli għal pożizzjonijiet individwali, il-kriterji sabiex jiġu ddefiniti settijiet ta' pożizzjonijiet għandhom jiġu ddefiniti b'mod li jirrifletti b'mod sinifikanti d-differenzi fil-likwidità. L-orizzonti tal-likwidità għandhom ikunu akbar għal pożizzjonijiet li jkunu konċentrati, li jirrifletti l-perjodu itwal li huwa meħtieġ sabiex dawn il-pożizzjonijiet jiġu llikwidati. L-orizzont tal-likwidità għal depożitu tat-titolizzazzjonijiet għandu jirrifletti ż-żmien sabiex jinbnew, jinbiegħu u jiġu titolizzati l-assi, jew biex jiġu hedged l-fatturi tar-riskju materjali, f'kundizzjonijiet tas-suq taħt tensjoni.

5e. Jistgħu jiġu inkorporati hedges fl-approċċ ta' istituzzjoni sabiex taqbad ir-riskji inkrimentali ta' inadempjenza jew migrazzjoni. Il-pożizzjonijiet jistgħu jittieħdu bil-valur nett meta l-pożizzjonijiet qosra u l-pożizzjonijiet twal ikunu jirriferu għall-istess strument finanzjarju. L-effetti tal-hedging jew tad-diversifikazzjoni assoċjati ma' pożizzjonijiet twal u qosra li jinvolvu strumenti jew titoli differenti tal-istess debitur, kif ukoll pożizzjonijiet twal u qosra f'emittenti differenti, jistgħu jiġu rikonoxxuti biss bl-immudellar espliċitu tal-pożizzjonijiet twal u qosra totali fl-istrumenti differenti. L-istituzzjonijiet għandhom jirriflettu l-impatt tar-riskji materjali li jistgħu jseħħu matul l-intervall bejn il-maturità tal-hedge u l-orizzont tal-likwidità kif ukoll il-potenzjal għal riskji ta' bażi sinifikanti fl-istrateġiji tal-hedging skont il-prodott, is-superjorità fl-istruttura kapitali, il-klassifikazzjoni interna jew esterna, il-maturità, il-kumulu (vintage) u differenzi oħrajn fl-istrumenti. Istituzzjoni għandha tirrifletti hedge biss sakemm din tkun tista' tinżamm anki waqt li d-debitur javviċina kreditu jew avveniment ieħor.

Għall-pożizzjonijiet fil-ktieb tal-kummerċ li jkunu hedged permezz ta' strateġiji dinamiċi ta' hedging, ibbilanċjar mill-ġdid tal-hedge fl-orizzont tal-likwidità tal-pożizzjoni hedged jista' jiġi rikonoxxut bil-kundizzjoni li l-istituzzjoni:

(i) tagħżel li timmudella l-ibbilanċjar mill-ġdid tal-hedge b'mod konsistenti matul is-sett rilevanti ta' pożizzjonijiet fil-ktieb tal-kummerċ,

(ii) turi li l-inklużjoni tar-riżultati tal-ibbilanċjar mill-ġdid tirriżulta f'kejl aħjar tar-riskji, u

(iii) turi li s-swieq għall-istrumenti li jservu bħala hedges huma likwidi biżżejjed sabiex jippermettu tali ibbilanċjar mill-ġdid anki matul perjodi ta' tensjoni. Kwalunkwe riskju residwu li jirriżulta minn strateġiji dinamiċi ta' hedging irid jiġi rifless fl-allokazzjoni kapitali.

5f. L-approċċ sabiex jinqabdu r-riskji inkrimentali ta' inadempjenza u migrazzjoni għandu jirrifletti l-impatt mhux lineari ta' opzjonijiet, derivattivi strutturati ta' kreditu u pożizzjonijiet oħra mal-imġiba materjali mhux lineari fir-rigward tal-bidliet fil-prezzijiet. L-istituzzjoni għandha jkollha wkoll il-kunsiderazzjoni xierqa għall-ammont ta' riskju mudell inerenti fil-valutazzjoni u l-istima tar-riskji tal-prezzijiet assoċjati ma' dawn il-prodotti.

5 g. L-approċċ sabiex jinqabdu r-riskji inkrimentali ta' inadempjenza u migrazzjoni għandu jkun ibbażat fuq data li tkun oġġettiva u aġġornata.

**Validazzjoni**

5 h. Bħala parti mir-reviżjoni indipendenti tas-sistema tagħhom sabiex ikejlu r-riskji u l-validazzjoni tal-mudelli interni tagħhom kif meħtieġ f'dan l-Anness, l-istituzzjonijiet għandhom, fir-rigward tal-approċċ sabiex jinqabdu r-riskji inkrementali ta' inadempjenza u migrazzjoni, partikolarment:

(i) jivvalidaw li l-approċċ tal-immudellar tagħhom għall-korrelazzjonijiet u l-bidliet fil-prezzijiet ikun addattat għall-portafoll tagħhom, fosthom l-għażla u l-piżijiet tal-fatturi ta' riskju sistematiċi tagħhom;

(ii) iwettqu varjetà ta' testijiet tat-tensjoni, fosthom analiżi tas-sensittività u analiżi tax-xenarji, sabiex tiġi vvalutata r-raġonevolezza kwalitattiva u kwantitattiva tal-approċċ, partikolarment fir-rigward tat-trattament tal-konċentrazzjonijiet. Dawn it-testijiet ma għandhomx ikunu limitati għall-firxa ta' avvenimenti esperjenzati storikament;

(iii) japplikaw validazzjoni kwantitattiva xierqa li tinkludi standards interni rilevanti ta' mmudellar.

L-approċċ sabiex jinqabdu r-riskji inkrimentali għandu ikun konsistenti mal-metodoloġiji interni tal-istituzzjoni għall-immaniġġar tar-riskji sabiex jiġu identifikati, imkejla u mmaniġġati r-riskji tan-negozju.

**Dokumentazzjoni**

5i. Istituzzjoni għandha tiddokumenta l-approċċ tagħha biex taqbad ir-riskji inkrimentali ta' inadempjenza u migrazzjoni sabiex il-korrelazzjoni u s-suppożizzjonijiet l-oħrajn tagħha dwar l-immudellar ikunu trasparenti għall-awtoritajiet kompetenti.

**Approċċi interni bbażati fuq parametri differenti**

5j. Jekk l-istituzzjoni tuża approċċ sabiex taqbad ir-riskji inkrimentali ta' inadempjenza u migrazzjoni li ma jikkonformax mar-rekwiżiti kollha ta' dan il-punt iżda jkun konsistenti mal-metodoloġiji interni tal-istituzzjoni għall-identifikazzjoni, il-kejl u l-immaniġġar tar-riskji, hija għandha tkun kapaċi turi li l-approċċ tagħha jirriżulta f'rekwiżit kapitali li jkun għoli tal-anqas daqs li kieku kien ibbażat fuq approċċ li jikkonforma b'mod sħiħ mar-rekwiżiti ta' dan il-punt. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrivedu l-konformità massentenza preċendenti tal-anqas darba fis-sena. Il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jimmonitorja l-firxa tal-prattiċi f'dan il-qasam u jfassal linji gwida sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ugwali.

**Frekwenza tal-kalkolu**

5k. Istituzzjoni għandha twettaq il-kalkoli meħtieġa skont l-approċċ magħżul tagħha sabiex jinqabdu r-riskju inkrimentali tal-anqas darba fil-ġimgħa.

5l. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikonoxxu l-użu ta' approċċ intern għall-kalkolu ta' allokazzjoni kapitali addizzjonali minflok allokazzjoni kapitali għall-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni skont il-punt 14a tal-Anness I, sakemm il-kondizzjonijiet kollha f'dan il-punt jiġu sodisfatti.

Tali approċċ intern għandu jaqbad b'mod adegwat ir-riskji kollha tal-prezzijiet fl-intervall ta' fiduċja ta' 99,9 % fuq orizzont kapitali ta' sena bis-suppożizzjoni ta' livell kostanti ta' riskju, u aġġustat fejn meħtieġ biex jirrifletti l-impatt tal-likwidità, il-konċentrazzjonijiet, il-hedging u l-opzjonalità. L-istituzzjoni tista' tinkorpora kwalunkwe pożizzjoni fl-approċċ imsemmi f'dan il-punt li tkun immaniġġata b'mod konġunt mal-pożizzjonijiet tal-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni u tista' mbagħad teskludi dawk il-pożizzjonijiet mill-approċċ rikjest skont il-punt 5a.

L-ammont tal-allokazzjoni kapitali għar-riskji kollha tal-prezzijiet m'għandux ikun inqas minn 8 % tal-allokazzjoni kapitali li tkun ikkalkulata skont il-punt 14a tal-Anness I għall-pożizzjonijiet kollha inkorporati fl-allokazzjoni għar-riskji kollha tal-prezzijiet.

B'mod partikolari, ir-riskji segwenti għandhom jinqabdu b'mod adegwat:

(a) ir-riskju kumulattiv li jirriżulta minn inadempjenzi multipli, inkluż it-tqegħid ta' ordni għall-inadempjenzi, fi prodotti f'segmenti;

(b) riskji ta' firxiet ta' kreditu, inklużi effetti gamma u transgamma;

(ċ) volatilità ta' korrelazzjonijiet implikati, inkluż l-effett trasversali bejn firxiet u korrelazzjonijiet;

(d) riskju ta' bażi, inklużi kemm:

(i) il-bażi bejn il-firxa ta' indiċi u dawk tal-ismijiet uniċi konstitwenti tagħha, u

(ii) il-bażi bejn il-korrelazzjoni implikata ta' indiċi u dik ta' portafolli mfasslin għall-klijent (bespoke);

(e) il-volatitiltà tar-rata ta' rkupru, kif din hija relatata mal-propensità tar-rati ta' rkupru biex jaffettwaw il-prezzijiet tas-segmenti; u

(f) mal-livell li l-kejl tar-riskju komprensiv jinkorpora benefiċċji mill-hedging dinamiku, ir-riskju ta' tnaqqis tal-hedges u l-ispejjeż potenzjali tal-ibbilanċjar mill-ġdid ta' tali hedges.

Għall-finijiet ta' dan il-punt, istituzzjoni għandha jkollha data suffiċjenti tas-suq biex tiżgura li hija taqbad kompletament ir-riskji prinċipali ta' dawk l-espożizzjonijiet fl-approċċ intern tagħha skont l-istandards imniżżlin f'dan il-punt, turi permezz tal-ittestjar b'lura jew mezzi adatti oħra li l-kejl tar-riskju tagħha jista' jfisser kif meħtieġ il-varjazzjoni storika tal-prezzijiet ta' dawk il-prodotti, u tista' tissepara l-pożizzjonijiet li għalihom ikollha l-approvazzjoni sabiex tinkorporahom fl-allokazzjoni kapitali skont dant il-punt minn dawk il-pożizzjonijiet li għalihom ma jkollhiex tali approvazzjoni.

Fir-rigward tal-portafolli suġġetti għal dan il-punt, l-istituzzjoni għandha tapplika regolarment sett ta' xenarji ta' tensjoni speċifiċi u predeterminati. Dawn ix-xenarji ta' tensjoni għandhom jeżaminaw l-effetti tat-tensjoni fuq ir-rati ta' inadempjenza, ir-rati ta' rkupru, il-firxiet ta' kreditu, u il-korrelazzjonijiet fuq il-qligħ u t-telf tal-post tal-kummerċ ta' korrelazzjoni. L-istituzzjoni għandha tapplika dawn ix-xenarji ta' tensjoni tal-anqas darba fil-ġimgħa u tirrapporta r-riżultati tal-anqas darba kull tliet xhur lill-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-paragun mal-allokazzjoni kapitali tal-istituzzjoni skont dant il-punt. Kwalunkwe każ fejn it-testijiet tat-tensjoni jindikaw defiċit importanti ta' din l-allokazzjoni kapitali għandu jiġi rraportat lill-awtoritajiet kompetenti fil-ħin adatt. Abbażi tar-riżultati ta' dan l-ittestjar tat-tensjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw allokazzjoni kapitali supplimentali kontra l-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 136(2) tad-Direttiva 2006/48/KE.

Istituzzjoni għandha tikkalkula l-allokazzjoni kapitali biex jinqabdu r-riskji kollha tal-prezzijiet tal-anqas darba fil-ġimgħa.";

(e) il-punt 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. L-istituzzjonijiet li jużaw mudelli interni li mhumiex rikonoxxuti skont il-punt 5 għandhom ikunu suġġetti għal allokazzjoni kapitali separata għal riskju speċifiku kif ikkalkulat skont l-Anness I.";

(f) il-punt 7 jinbidel b'dan li ġej:

"7. Għall-finijiet tal-punti 10b(a) u (b), ir-riżultati tal-kalkolu li tagħmel l-istituzzjoni nnifisha għandhom jiżdiedu bil-fatturi ta' multiplikazzjoni ($m_c$) u ($m_s$). Dawk il-fatturi għandhom ikunu tal-anqas 3.";

(g) fil-punt 8, l-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Għall-finijiet tal-punti 10b(a) u (b), il-fatturi ta' multiplikazzjoni ($m_c$) u ($m_s$) għandhom jiġu miżjuda b'fattur ta' żieda ta' bejn 0 u 1 skont it-Tabella 1, jiddependi fuq in-numru ta' qbiż tal-valur għall-aktar 250 ġurnata tan-negozju riċenti kif muri mill-ittestjar b'lura tal-kejl tal-valur fir-riskju mill-istituzzjoni kif stabbilit fil-punt 10. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet jikkalkulaw il-qbiż tal-valur b'mod konsistenti fuq il-bażi ta' ttestjar b'lura fuq il-bidliet ipotetiċi u reali fil-valur tal-portafoll. Il-qbiż tal-valur huwa bidla ta' ġurnata fil-valur tal-portafoll li taqbeż il-kejl relatat tal-valur fir-riskju ta' ġurnata ġġenerat mill-mudell tal-istituzzjoni. Għall-fini li jiġi stabbilit il-fattur ta' żieda, l-ammont ta' qbiż tal-valur għandu jiġi vvalutat kull tliet xhur u għandu jkun indaqs għall-ogħla min-numru tal-qbiż tal-valur taħt bidliet ipotetiċi u reali fil-valur tal-portafoll.";

(h) il-punt 9 jitħassar;

(i) il-punt 10 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) perjodu ta' parteċipazzjoni ekwivalenti għal 10 ijiem (l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw iċ-ċifri tal-valur fir-riskju kkalkulati skont perjodi ta' parteċipazzjoni aqsar miżjuda għal 10 ijiem permezz ta', pereżempju, tar-radiċi kwadrata taż-żmien. Istituzzjoni li tuża dak l-approċċ għandha tiġġustifika perjodikament ir-raġonevolezza tal-approċċ tagħha b'mod li l-awtoritajiet kompetenti jkunu sodisfatti);";

(ii) il-punt (e) jinbidel b'dan li ġej:

"(e) aġġornamenti tas-settijiet ta' data ta' kull xahar.";

(j) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"10a. Barra minn hekk, kull istituzzjoni għandha tikkalkula 'valur fir-riskju taħt tensjoni' fuq il-bażi tal-kejl tal-valur fir-riskju fl-10 ġurnata, tal-perċentili 99, b'intervall ta' fiduċja b'tarf wieħed, tal-portafoll attwali, bl-inputs tal-mudell tal-valur fir-riskju kkalibrati ma' data storika minn perjodu kontinwu ta' tnax-il xahar ta' tensjoni finanzjarja sinifikanti rilevanti għall-portafoll tal-istituzzjoni. L-għażla ta' din l-informazzjoni storika għandha tkun suġġetta għal approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti u għal reviżjoni annwali mill-istituzzjoni. Il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jimmonitorja l-firxa tal-prattiċi f'dan il-qasam u jfassal linji gwida sabiex tiġi żgurata l-konverġenza. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur fir-riskju taħt tensjoni tal-anqas darba fil-ġimgħa.

10b. Kull istituzzjoni għandha tissodisfa, fuq bażi ta' kuljum, rekwiżit kapitali mfisser bħala t-total tal-punti (a) u (b) u, istutuzzjoni li tuża l-mudell intern tagħha biex tikkalkula r-rekwiżit kapitali għal pożizzjoni ta' riskju speċifiku għandha tissodisfa rekwiżit kapitali mfisser bħala t-total tal-punti (c) u (d) kif ġej:

(a) l-ogħla ta’:

(i) in-numru tal-valur fir-riskju tagħha tal-ġurnata preċedenti kkalkulat skont il-punt 10 ($VaR_{t-1}$); u

(ii) medja tal-kejl ta’ kuljum tal-valur fir-riskju skont il-punt 10 f’kull waħda mis-sittin ġurnata tan-negozju preċedenti ($VaR_{avg}$), immultiplikati bil-fattur ta’ multiplikazzjoni ($m_c$);

(b) l-ogħla ta’:

(i) l-aktar numru riċenti disponibbli tal-valur fir-riskju taħt tensjoni skont il-punt 10a ($sVaR_{t-1}$); u

(ii) medja tan-numri tal-valur fir-riskju taħt tensjoni ikkalkulata bil-mod u l-frekwenza speċifikata fil-punt 10a matul is-sittin ġurnata tan-negozju preċedenti ($sVaR_{avg}$), immultiplikati bil-fattur ta’ multiplikazzjoni ($m_s$);

(ċ) allokazzjoni kapitali kkalkulata skont l-Anness I għar-riskji tal-pożizzjoni tal-pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni u derivattivi tal-kreditu ‘n-th-to-default’ fil-ktieb tal-kummerċ bl-eċċezzjoni ta’ dawk inkorporati fl-allokazzjoni kapitali skont il-punt 51;

(d) l-ogħla tal-aktar kejl riċenti u l-medja fuq 12-il ġimgħa tal-istituzzjoni tar-riskju inkrimentali ta’ inadempjenza u migrazzjoni skont il-punt 5a u, fejn applikabbli, l-ogħla tal-aktar kejl riċenti tal-istituzzjoni u l-medja fuq 12-il ġimgħa tar-riskji kollha tal-prezzijiet tagħha skont il-punt 51.

10c. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu wkoll reverse stress tests.”;

(k) fil-punt 12, l-ewwel paragrafu jinbidel b’dan li ġej:

“12. Il-mudell għall-kejl tar-riskju għandu jaqbad numru suffiċjenti ta’ fatturi ta’ riskju, jiddependi fuq il-livell ta’ attività tal-istituzzjoni fis-swieq rispettivi. Meta fattur ta’ riskju jkun inkorporat fil-mudell tal-ipprezzar tal-istituzzjoni iżda mhux fil-mudell tal-kejl tar-riskji, l-istituzzjoni għandha tkun kapaċi tiġġustifika tali ommissjoni għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti. Barra minn hekk, il-mudell tal-kejl tar-riskji għandu jaqbad nonlinearitajiet għall-opzjonijiet u prodotti oħrajn kif ukoll ir-riskju ta’ korrelazzjoni u r-riskju ta’ bażi. Fejn jintużaw indikaturi għall-fatturi ta’ riskju, huma għandhom juru passat tajjeb għall-pożizzjoni attwali miżmuma. Barra minn hekk, dan li ġej għandu japplika għal tipi ta’ riskji individwali:”.

(4) Fl-Anness VII, il-Parti B hija emendata kif ġej:

(a) fil-punt 2, il-punt (a) jinbidel b’dan li ġej:

“(a) politika u proċeduri dokumentati għall-proċess tal-istima, inklużi r-responsabbiltajiet iddefiniti b’mod ċar tad-diversi oqsma involuti fl-istabbiliment tal-istima, sorsi ta’ informazzjoni dwar is-suq u reviżjoni tal-adegwatezza tagħhom, linji gwida għall-użu ta’ inputs mhux osservabbli li jirriflettu s-suppożizzjonijiet tal-istituzzjoni dwar dak li jużaw il-parteċipanti tas-suq fl-ipprezzar tal-pożizzjoni, il-frekwenza tal-valutazzjoni indipendenti, il-kronometraġġ tal-prezzijiet tal-għeluq, proċeduri għall-aġġustament tal-valutazzjoni, proċeduri ta’ verifika fl-aħħar tax-xahar u ad hoc;”;

(b) il-punt 3 jinbidel b’dan li ġej:

“3. L-istituzzjonijiet għandhom jimmarkaw il-pożizzjonijiet tagħhom mas-suq kull meta jkun possibbli. L-immarkar mas-suq huwa l-valutazzjoni tal-anqas ta’ kuljum tal-pożizzjonijiet bi prezzijiet tal-għeluq faċilment disponibbli maħruġin b’mod indipendenti. Eżempji jinkludu prezzijiet tal-kambju, prezzijiet ikkwotati fuq l-iskrin, jew kwotazzjonijiet minn diversi sensala indipendenti ta’ reputazzjoni.”;

(ċ) il-punt 5 jinbidel b’dan li ġej:

“5. Fejn l-immarkar mas-suq ma jkunx possibbli, l-istituzzjonijiet għandhom jimmarkaw il-pożizzjonijiet/portafolji tagħhom b’mod konservattiv ma’ mudell qabel ma japplikaw trattament kapitali fil-ktieb tal-kummerċ. L-immarkar ma’ mudell huwa ddefinit bħala kwalunkwe valutazzjoni li trid tiġi mkejla, estrapolata jew ikkalkulata mod ieħor minn input tas-suq.”;

(d) fil-punt 6, il-punt (a) jinbidel b’dan li ġej:

“(a) il-maniġment ġerarkikament superjuri għandu jkun konxju tal-elementi tal-ktieb tal-kummerċ u ta’ pożizzjonijiet oħrajn valutati bil-valur ġust li huma suġġetti għal immarkar ma’ mudell u għandu jifhem il-materjalità tal-inċertezza maħluqa minħabba fihom fir-rappurtar tar-riskju/prestazzjoni tan-negozju;”;

(e) il-punti 8 u 9 jinbidlu b’dan li ġej:

“**Aġġustamenti fil-valutazzjoni**

8. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu u jżommu proċeduri sabiex jikkunsidraw aġġustamenti fil-valutazzjoni.

**Standards ġenerali**

9. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu l-aġġustamenti segwenti fil-valutazzjoni sabiex jiġu kkunsidrati formalment: firxiet ta’ kreditu mhux miksub, kostijiet tat-tpaċija, riskji operattivi, terminazzjoni bikrija, kostijiet tal-investiment u tal-iffinanzjar, kostijiet amministrattivi futuri u, fejn rilevanti, riskju tal-mudell.”;

(f) il-punti 11 sa 15 jinbidlu b’dan li ġej:

“11. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu u jżommu proċeduri sabiex jikkalkulaw aġġustament fil-valutazzjoni attwali ta’ pożizzjonijiet inqas likwidi. Tali aġġustamenti għandhom fejn ikun meħtieġ jiżdiedu ma’ kwalunkwe bidliet fil-valur tal-pożizzjoni li jkunu meħtieġa għal skopijiet ta’ rappurtar u għandhom ikunu mfasslin sabiex jirriflettu l-illikwidità tal-pożizzjoni. Skont dawk il-proċeduri, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw diversi fatturi meta jistabbilixxu jekk ikunx meħtieġ aġġustament fil-valutazzjoni għal pożizzjonijiet inqas likwidi. Dawk il-fatturi jinkludu l-ammont ta’ żmien li jkun meħtieġ sabiex jiġu hedged l-pożizzjonijiet/riskji fi ħdan il-pożizzjoni, il-volatilità u l-medja tal-firxa ta’ prezzijiet/offerti, id-disponibbiltà ta’ kwoti tas-suq (in-numru u l-identità ta’ dawk li jagħmlu s-suq) u l-volatilità u l-medja tal-volumi tan-negozju fosthom volumi ta’ negozju matul perjodi ta’ tensjoni fis-suq, il-konċentrazzjonijiet tas-suq, it-tixjiħ tal-pożizzjonijiet, kemm il-valutazzjoni tibbaża fuq immarkar ma’ mudell, u l-impatt ta’ riskji oħrajn tal-mudell.

12. Meta jużaw valutazzjoni minn partijiet terzi jew immarkar ma’ mudell, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw jekk għandhomx japplikaw aġġustament fil-valutazzjoni. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw il-ħtieġa li jistabbilixxu aġġustamenti għal pożizzjonijiet inqas likwidi u fuq bażi kontinwa jirrivedu l-adegwatezza tagħhom.

13. Fir-rigward ta’ prodotti kumplessi inklużi, iżda mhux limitati għal, skoperti ta’ titolizzazzjoni u derivattivi tal-kreditu ‘n-th-to-default’, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw espliċitament il-ħtieġa għal aġġustamenti fil-valutazzjoni biex jiġu riflessi r-riskju mudell assoċjat mal-użu ta’ metodoloġija tal-valutazzjoni possibbilment inkorretta u r-riskju mudell assoċjat mal-użu ta’ parametri tal-ikkalibrar mhux osservabbli (u possibbilment inkorretti) fil-mudell tal-valutazzjoni.”.